MARTÍN MARTÍN

# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK

ippreżentati fis-7 ta' Mejju 2009 [1]

## Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 11942

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 11943

A — Id-dritt Komunitarju . . . . . I - 11943

1. It-Trattat KE . . . . . I - 11943

2. Id-Direttiva 85/577 . . . . . I - 11944

B — Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea . . . . . I - 11946

C — Id-dritt nazzjonali . . . . . I - 11947

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari . . . . . I - 11948

IV — Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 11949

V — L-argumenti tal-partijiet . . . . . I - 11950

VI — Evalwazzjoni tal-Avukat Ġenerali . . . . . I - 11954

A — Introduzzjoni . . . . . I - 11954

B — Evalwazzjoni tad-domanda preliminari . . . . . I - 11955

1. Rimarki preliminari fuq id-domanda preliminari . . . . . I - 11955

a) Dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li l-qorti tar-rinviju qiegħda titlob l-interpretazzjoni tagħhom . . . . . I - 11955

b) Problemi mqajma mid-domanda preliminari . . . . . I - 11957

2. In-nullità relattiva tal-kuntratt hija miżura xierqa fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577? . . . . . I - 11958

1 — Lingwa oriġinali: Is-Sloven.

3. Regola ġenerali: fid-dritt Komunitarju ma jeżisti ebda obbligu ġenerali ta' evalwazzjoni *ex officio* . . . . . I - 11962

4. Eċċezzjoni għar-regola ġenerali: ġurisprudenza dwar id-Direttiva 93/13 u d-Direttiva 87/102 . . . . . I - 11963

a) Ġurisprudenza dwar id-Direttiva 93/13 . . . . . I - 11963

b) Ġurisprudenza dwar id-Direttiva 87/102 . . . . . I - 11965

5. L-applikazzjoni tal-ġurisprudenza dwar id-Direttivi 93/13 u 87/102 għal din il-kawża . . . . . I - 11965

6. Dritt jew obbligu tal-qorti nazzjonali li taġixxi *ex officio*? . . . . . I - 11973

C — Konklużjoni . . . . . I - 11974

VII — Konklużjonijiet . . . . . I - 11975

## I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża tqajjem il-kwistjoni dwar jekk qorti nazzjonali tistax taġixxi *ex officio* biex tikkonstata n-nullità ta' kuntratt konklużbarra mil-lok tan-negozju minħabba li l-konsumatur ma ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, minkejja li d-dritt nazzjonali applikabbli ma jippermettilhiex taġixxi *ex officio*, iżda jeżiġi, mill-banda l-oħra, li l-konsumatur li ma jkunx irċieva din l-informazzjoni jitlob huwa stess li jiġi annullat il-kuntratt. Din il-kawża tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumaturi u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju [2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 85/577"), li biha l-Istati membri għandhom jiżguraw li jkun hemm miżuri xierqa biex jipproteġu lill-konsumaturi meta dawn ma jkunux ġew informati bid-dritt tagħhom li jxolju l-kuntratt.

2. Għall-kuntratti li huma konklużi barra mil-lok tan-negozju, huwa importanti li biex il-konsumaturi jkunu mħarsa, mhux biss ikollhom id-dritt li jxolju l-istess kuntratt, imma wkoll li jiġu informati bid-dritt tagħhom u li jiġi żgurat li jkun hemm miżuri xierqa u effikaċi f'każ li din l-informazzjoni ma tingħatax lill-konsumaturi. Meta konsumatur jikkonkludi kuntratt bħal dan, spiss ma

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 262.

jkunx f'pożizzjoni li jevalwa oġġettivament il-konsegwenzi kollha li dan il-kuntratt ikun se jkollu għalih. Peress li fil-kuntratt, il-konsumatur huwa l-kontraent l-iktar dgħajjef, f'din il-kawża inkwistjoni jeħtieġ li jiġi evalwat jekk hux meħtieġ li biex ikun hemm protezzjoni effettiva tad-drittijiet tiegħu, il-qorti nazzjonali, fil-kawżi li jirrigwardaw il-kuntratti msemmija, tieħu ħsieb li jiġu osservati dawn id-drittijiet *ex officio*.

(t) kontribuzzjoni għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur;

[…]"

**II — Il-kuntest ġuridiku**

4. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95 KE:

A — *Id-dritt Komunitarju*

"[…]

1. It-Trattat KE

3. L-Artikolu 3(1) KE jiddisponi li:

3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha kif maħsuba fil-paragrafu 1 li jikkonċerna s-saħħa, s-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, għandha tieħu bħala bażi protezzjoni fl-għola livell, waqt li tieħu kont partikolarment ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-limiti tal-poteri rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ukoll ifittxu li jilħqu dan l-objettiv.

"1. Għall-finijiet ta' dak li hemm imsemmi fl-Artikolu 2, l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu, kif provdut f'dan it-Trattat u skond il-programm li jinsab fih:

[…]

[…]"

5. Skont l-Artikolu 153 KE:

"1. Sabiex tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u sabiex tassigura livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-ħarsien tas-saħħa, s-sigurtà u interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll il-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-organizzazzjoni tagħhom infushom sabiex iħarsu l-interessi tagħhom.

2. Fid-definizzjoni u l-implementazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra tal-Komunità għandu jingħata' kont tal-ħtiġiet tal-ħarsien tal-konsumatur.

3. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni ta' l-objettivi imsemmija fil-paragrafu 1, permezz ta':

a) miżuri adottati skond l-Artikolu 95 fil-kuntest tal-kompletament tas-suq intern;

b) miżuri li jgħinu, jissuplimentaw u jissorveljaw l-politika użata mill-Istati Membri.

4. Il-Kunsill li jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 u wara li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta l-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 (b).

5. Il-Miżuri adottati skond il-paragrafu 4 m'għandhomx jimpedixxu lil xi Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi aktar stretti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kumpattibli ma' dan it-Trattat. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa bihom".

2. Id-Direttiva 85/577

6. Ir-raba', il-ħames u s-sitt premessi tad-Direttiva 85/577 jipprovdu:

"Billi l-karatteristika speċjali tal-kuntratti magħmula barra mill-uffiċju tan-negozjant hija li bħala regola huwa n-negozjant li jibda n-negozjati għall-kuntratt, li għalih il-konsumatur ma jkunx lest jew li ma jeskludix; billi ta' spiss il-konsumatur ma jkunx jista' jqabbel il-kwalità tal-offerta ma' offerti oħra; billi dan l-element ta' sorpriża ġeneralment jeżisti

mhux biss fil-kuntratti magħmula fuq it-tarġa tal-bieb iżda wkoll f'forom oħra ta' kuntratti magħmula minn negozjant 'il bogħod mill-bini fejn isir in-negozju;

7. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 85/577 jipprovdi li:

"Din id-Direttiva għandha tgħodd għall-kuntratti li taħthom negozjant iforni merkanzija jew servizzi lil konsumatur u li jsiru:

Billi l-konsumatur għandu jingħata d-dritt li jħassar [3] [ta' xoljiment] tul perjodu ta' għallanqas sebat ijiem biex ikun jista' jivverifika l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-kuntratt;

[…]

— waqt xi żjara minn xi negozjant

Billi għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-konsumatur ikun infurmat bilmiktub b'dan il-perjodu ta' riflessjoni".

(i) fid-dar tal-konsumatur jew f'dik ta' xi konsumatur ieħor;

[…]

meta ż-żjara ma ssirx fuq talba espressa talkonsumatur".

3 — Jiena ninnota fir-rigward tal-kunċetti ta' "tħassir [xoljiment]" u ta' "rinunzja" li d-Direttiva 85/577 tuża ż-żewġ espressjonijiet, u dan fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 fejn hija titkellem fuq id-"dritt […] li jħassru [li jxolju]" li għandhom il-konsumaturi ("Widerrufsrecht", "right of cancellation", "derecho de rescisión/a rescindir"), filwaqt li fl-Artikolu 5(1) jingħad li l-konsumatur għandu d-"dritt li jirrinun[z]ja għall-effetti talftehim tiegħu" ("das Recht, von der eingegangenen Verpflichtung zurückzutreten", "right to renounce the effects of his undertaking", "derecho de renunciar a los efectos de su compromiso"). F'dak li jikkonċerna l-verżjoni lingwistika Ġermaniża tad-Direttiva 85/577, jiena ninnota li hija tuża fir-raba' premessa l-istess espressjoni bħal fl-Artikolu 5(1) ("das Recht, […] zurückzutreten"). L-analiżi komparattiva talkunċetti ta' "tħassir [xoljiment]" u ta' "rinunzja" teċċedi l-limiti tal-analiżi f'dawn il-konklużjonijiet peress li l-konsegwenzi ġuridiċi tagħhom jiġu stabbiliti mid-dritt nazzjonali; jiena ninnota sempliċement li f'dawn il-konklużjonijiet jiena mhux ser nuża ż-żewġ espressjonijiet, imma biss l-espressjoni "tħassir [xoljiment] tal-kuntratt".

8. Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577:

"Fil-każ tat-transazzjonijiet li jaqgħu taħt l-iskop ta' l-Artikolu 1, in-negozjanti jridu jagħtu lill-konsumaturi notifika bil-miktub tad-dritt tagħhom li jħassru [li jxolju] fil-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5, flimkien ma' l-isem u l-indirizz ta' xi persuna li jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt kontriha. Din in-notifika għandu jkollha d-data fuqha u jrid ikollha fiha dawk id-dettalji li jippermettu li l-kuntratt ikun identifikat. Trid tingħata lill-konsumatur:

a) fil-każ ta' l-Artikolu 1(1), fil-ħin li jkun sar il-kuntratt;

b) fil-każ ta' l-Artikolu 1(2), mhux aktar tard miż-żmien li fih ikun ġie konkluż il-kuntratt;

(ċ) fil-każ ta' l-Artikolu 1(3) u 1(4), meta ssir l-offerta mill-konsumatur.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom tista[b]bilixxi miżuri xierqa ta' protezzjoni għall-konsumatur f'dawk il-kazi meta l-informazz[j]oni msemmija f'dan l-Artikolu ma tingħatax."

9. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 85/577:

"1. Il-konsumatur għandu jkollu d-dritt li jirrinunżja għall-effetti tal-ftehim tiegħu billi jibgħat avviż fi żmien perijodu ta' mhux anqas [4] minn sebat ijiem minn meta tkun waslet lill-konsumatur in-notifika msemmija fl-Artikolu 4, skond il-proċedura stabilita fil-liġi nazzjonali. Għandu jkun biżżejjed jekk l-avviż jintbgħat qabel it-tmiem ta' dan il-perjodu.

2. L-għotja ta' l-avviż ikollha l-effett li tħoll lill-konsumatur minn kull obbligazzjoni li ġejja mill-kuntratt imħassar [xolt]."

B — *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

10. L-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [5] (iktar 'il

4 — Din in-nota tikkonċerna biss il-verżjoni Slovena ta' dawn il-konklużjonijiet.

5 — Il-Karta ġiet ippromulgata uffiċjalment l-ewwel darba fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU 2000, C 364, p. 1) u sussegwentement darba oħra fit-12 ta' Diċembru 2007 fi Strasburgu (ĠU 2007 C 303, p. 1).

quddiem il-“Karta”), intitolat “Protezzjoni tal-konsumatur”, jipprovdi:

“Il-politika ta’ l-Unjoni għandha tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur”.

C — *Id-dritt nazzjonali*

11. Fi Spanja, id-Direttiva 85/577 ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali bil-Liġi 26/1991 tal-21 ta’ Novembru 1991 fuq il-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju [6] (iktar ’il quddiem il-“Liġi 26/1991”).

12. Skont l-Artikolu 3 tal-Liġi 26/1991:

“1. Il-kuntratt jew l-offerta kuntrattwali, imsemmijin fl-Artikolu 1, għandhom jiġu fformalizzati bil-miktub, f’żewġ kopji, flimkien ma’ dokument ta’ revoka [7] u għandu jkollhom data u l-firma tal-konsumatur.

2. Id-dokument tal-kuntratt għandu jkun fih, bi kliem ċar eżatt taħt l-ispazju riżervat għall-firma tal-konsumatur, referenza ċara u preċiża għad-dritt tal-istess konsumatur li jirrevoka l-kunsens tiegħu kif ukoll għall-kundizzjonijiet u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta’ dan id-dritt.

3. Id-dokument ta’ revoka għandu jkun fih, b’mod ċar, il-kliem “dokument ta’ revoka” u għandu jindika l-isem u l-indirizz tal-persuna li jrid jintbagħat lilha, kif ukoll id-dettalji li jippermettu li jiġi identifikat il-kuntratt u l-kontraenti.

4. Wara li jiġi ffirmat, in-negozjant jew il-persuna li taġixxi f’ismu għandu jagħti lill-konsumatur waħda mill-kopji tal-kuntratt kif ukoll id-dokument ta’ revoka.

5. Huwa l-obbligu tan-negozjant li jipprova li l-obbligi li għalihom jirreferi dan l-Artikolu ġew eżegwiti”.

6 — Ley 26/1991, de 21 de noviembre, sobre contratos celebrados fuera de los establecimientos mercantiles, Boletín Oficial del Estado (BOE), 26.11.1991, Nru 283/1991.

7 — Il-Liġi 26/1991 tuża l-espressjoni “revocación”.

13. L-Artikolu 4 tal-Liġi 26/1991 jirregola l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3 u jipprovdi:

"Il-kuntratt konkluż jew l-offerta ppreżentata bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu preċedenti jista' jiġi annullat fuq talba tal-konsumatur.

In-negozjant ma jista' fl-ebda każ jinvoka n-nullità ħlief jekk in-nuqqas huwa imputabbli esklużivament lill-konsumatur".

14. Skont l-Artikolu 9 tal-Liġi 26/1991:

"Il-konsumatur ma jistax jirrinunzja għaddrittijiet mogħtija b'din il-liġi. Madankollu, il-klawżoli kuntrattwali li huma iktar favorevoli għall-konsumatur għandhom jitqiesu li huma validi".

## III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15. Fl-20 ta' Mejju 2003, E. Martín Martín iffirmat, f'darha, kuntratt ma' rappreżentant tal-impriża EDP Editores S.L. (iktar 'il quddiem "EDP") li kellu bħala suġġett l-akkwist ta' 15-il ktieb, 5 DVDs kif ukoll DVD plejer [8]. Dawn il-prodotti ġew ikkunsinnati lilha fit-2 ta' Ġunju 2003. Il-prezz tax-xiri kien ta' EUR 1 909 li minnu E. Martín Martín ħallset EUR 47.48, u l-bilanċ ta' EUR 1861.52 baqa' ma tħallasx.

16. Peress li EDP ma rċevietx il-ħlas talmerkanzija kkunsinnata, din il-kumpannija bdiet proċeduri kontra E. Martín Martín quddiem il-Juzgado de Primera Instancia numero Uno de Salamanca, li bihom hija talbet il-ħlas tal-ammont ta' EUR 1861.52 u l-interessi moratorji. E. Martín Martín appellat quddiem l-Audiencia Provincial de Salamanca (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") kontra s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007 li kkundannatha tħallas l-ammont mitlub.

17. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-kuntratt

8 — Għandu jiġi nnotat li Juan Caballo Bueno, li huwa s-sieħeb legali ta' E. Martín Martín, huwa indikat bħala x-xerrej fil-kuntratt iżda hija E. Martín Martín li ffirmat. Matul il-proċedura kollha quddiem il-qrati Spanjoli E Martín Martín ġiet għalhekk ikkunsidrata bħala l-unika kontraent fil-kuntratt.

inkwistjoni jista' jkun null peress li l-konsumatur ma ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt fi żmien sebat ijiem minn meta jirċievi l-merkanzija u bil-kundizzjonijiet u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-implementazzjoni ta' dan id-dritt. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza wkoll li l-konsumatur ma talabx li jiġi ddikjarat null il-kuntratt, u dan la quddiem il-qorti fl-ewwel istanza u lanqas matul l-appell.

18. Il-qorti tar-rinviju tindika f'dan ir-rigward li skont id-dritt Spanjol — u b'mod iktar preċiż skont l-Artikolu 4 tal-Liġi 26/1991 — il-konsumatur għandu jitlob li l-kuntratt jiġi ddikjarat null meta waqt il-konklużjoni tal-istess kuntratt ir-rekwiżit li l-konsumatur jiġi informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt ma jkunx ġie rrispettat. Id-dritt Spanjol li jirregola l-proċedura ċivili japplika wkoll il-prinċipju msejjaħ tad-"dispożittiv" ("*principio de rogación"),* li bih il-ġudikant ma jistax jevalwa *ex officio* l-fatti, il-provi u l-pretensjonijiet li l-partijiet ma jkunux invokaw huma stess. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi għaldaqstant jekk, hija u tiddeċiedi din il-kawża, għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni biss il-motivi invokati mill-partijiet fil-kuntest tal-proċedura ta' appell jew jekk id-Direttiva 85/577 tippermettilhiex tiddikjara null il-kuntratt *ex officio*.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju, b'digriet tal-20 ta' Mejju 2008, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 153 KE, flimkien mal-Artikoli 3 KE u 95 KE, kif ukoll mal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mad-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-qorti adita b'appell kontra sentenza mogħtija fl-ewwel istanza, tiddikjara *ex officio* n-nullità ta' kuntratt li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, meta fl-ebda mument ma ntalbet din in-nullità mill-konsumatur konvenut, la fil-kuntest tal-oppożizzjoni tiegħu għall-proċeduri għal ordni ta' ħlas fis-seduta u lanqas fl-appell?"

## IV — Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20. Id-digriet tar-rinviju wasal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Mejju 2008. Fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub, l-EDP, il-Gvern Spanjol, il-Gvern Awstrijak, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2009,

EDP, il-Gvern Spanjol, il-Gvern Ċek — li ma ppreżentax osservazzjonijiet bil-miktub — u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali u rrispondew għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## V — L-argumenti tal-partijiet

21. *EDP* issostni li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-qorti nazzjonali tikkonstata *ex officio* n-nullità ta' kuntratt konkluż ma' konsumatur barra mil-lok tan-negozju jekk l-imsemmi konsumatur ma jkunx invoka l-imsemmija nullità.

22. EDP tenfasizza fl-argument tagħha li skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ikollhom miżuri xierqa ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li ebda artikolu mid-direttiva ma jipprovdi li l-qorti tista' tikkonstata *ex officio* n-nullità jekk il-konsumatur ma jkunx invokaha. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni Spanjola rilevanti [9], li tipprovdi li l-konsumatur għandu jitlob li jiġi ddikjarat null il-kuntratt, fil-fehma tagħha, ma tmurx kontra l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, iżda pjuttost tipproteġi d-dritt tal-konsumaturi. Skont EDP, għandu jiġi kkonstatat f'dan ir-rigward jekk dispożizzjoni nazzjonali, fil-prattika, tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli t-tgawdija tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku Komunitarju [10].

23. EDP tindika wkoll li d-dritt Spanjol jagħmel distinzjoni bejn in-nullità relattiva u n-nullità assoluta. Hija tenfasizza li n-nullità eventwali tal-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju hija nullità relattiva li għandha dejjem tintalab mill-parti stess. F'każ ta' nullità assoluta, skont id-dritt Spanjol, l-azzjoni għal dikjarazzjoni tan-nullità ma tistax tiġi preskritta u tista' tintalab ukoll minn terzi persuni; din in-nullità tista' wkoll tiġi kkonstatata *ex officio* mill-ġudikant.

24. *Il-Gvern Spanjol* isostni li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 mhux bilfors għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-qorti nazzjonali tikkonstata *ex officio* n-nullità tal-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju jekk il-konsumatur ma jkunx invoka n-nullità tal-kuntratt f'ebda mument matul il-proċedura.

25. Huwa jsostni li l-livell ta' protezzjoni li l-Liġi 26/1991 tagħti lill-konsumaturi huwa interament konformi mar-rekwiżiti tat-

9 — EDP ssostni li f'din il-kawża d-Digriet Irjali tas-16 ta' Novembru 2007 (Real Decreto Legislativo 1/2007, de 16 de noviembre), li ħassar il-Liġi 26/1991 huwa rilevanti. Kif jafferma l-Gvern Spanjol (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' dawn il-konklużjonijiet), f'din il-kawża, hija madankollu l-Liġi 26/1991 li kienet rilevanti fiż-żmien tal-fatti, li hija rilevanti.

10 — EDP tinvoka f'dan l-istadju s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, Ġabra p. I-4599, punt 14).

Trattat KE u tad-Direttiva 85/577, u din hija r-raġuni għaliex din il-liġi, fil-fehma tiegħu, tittrasponi b'mod sħiħ u korrett id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 fl-ordinament ġuridiku Spanjol [11]. L-Artikolu 4 tal-Liġi 26/1991 jagħti lill-konsumatur protezzjoni adegwata permezz tad-dispożizzjoni li tipprovdi li l-konsumatur jista' jitlob li tiġi ddikjarata n-nullità tal-kuntratt jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. Huwa jafferma li l-obbligu tal-Istati Membri li jirriżulta mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 — li bih huma għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tistabbilixxi miżuri xierqa ta' protezzjoni għall-konsumaturi — jista' jiġi sodisfatt b'diversi modi, fosthom billi l-konsumatur jingħata l-possibbiltà li jitlob li jiġi ddikjarat null il-kuntratt. L-għażla tal-mod li bih din il-protezzjoni tal-konsumaturi tiġi żgurata hija riżervata, fil-fehma tal-Gvern Spanjol, għall-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru.

26. Il-Gvern Spanjol jafferma li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [12] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 93/13") li l-qorti għandu jkollha l-possibbiltà li tiddkjara *ex officio* n-nullità tal-klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi jekk tkun involuta l-protezzjoni tal-ordni pubbliku. Huwa jirreferi għall-kawżi Océano Grupo [13], Cofidis [14] u Mostaza Claro [15]. Għalkemm f'din il-kawża t-test rilevanti ma huwiex id-Direttiva 93/13, iżda d-Direttiva 85/577, din il-ġurisprudenza għandha, fil-fehma tal-Gvern Spanjol, tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fl-evalwazzjoni ta' din il-kawża abbażi tad-Direttiva 85/577. Madankollu, fil-fehma tiegħu, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk din il-kawża tirrigwardax kwistjoni ta' ordni pubbliku.

27. *Il-Gvern Awstrijak* huwa tal-fehma li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix mill-Istati Membri li l-qrati tagħhom jikkonstataw *ex officio* n-nullità tal-kuntratti konklużi barra mill-istabbilimenti kummerċjali, u dan mingħajr ma l-konsumatur ikun invoka n-nullità fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali.

28. Il-Gvern Awstrijak jafferma li ma jistax jiġi dedott mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 li l-kuntratt ikun diġà null minħabba li n-negozjant ma jkunx informa lill-konsumatur bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. Bil-kontra ta' din id-direttiva, l-Arti-

11 — Il-Gvern Spanjol jafferma wkoll li fid-dritt Spanjol, il-Liġi 26/1991 ġiet issostitwita bid-Digriet Irjali 1/2007 tas-16 ta' Novembru 2007 (Real Decreto Legislativo 1/2007, de 16 de noviembre), iżda li fil-mument li fih seħħew il-fatti, il-Liġi 26/1991 kienet għadha fis-seħħ.

12 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288

13 — Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941).

14 — Sentenza tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, Ġabra p. I-10875).

15 — Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, Ġabra p. I-10421).

kolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jindika espressament li l-"Istati membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt [...] ma jkunux jorbtu lill-konsumatur [...]" L-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, min-naħa tiegħu, jipprovdi biss li l-"Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom tistabilixxi miżuri xierqa ta' protezzjoni għall-konsumatur" Il-Gvern Awstrijak jafferma li fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, hija kompetenza tal-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li jirregola l-metodi proċedurali tarrimedji intiżi li jħarsu d-drittijiet li l-individwi jinvokaw taħt id-dritt Komunitarju [16].

29. Il-Gvern Awstrijak jenfasizza wkoll li l-Istati Membri jistgħu — jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt — jipprovdi miżuri xierqa oħra u huwa jiċċita bħala eżempju li l-konsumatur jista' jxolji l-kuntratt bla restrizzjoni ta' żmien [17]; miżura possibbli oħra tista' tkun l-obbligu tal-qrati li jinformaw lill-konsumatur bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. Għaldaqstant, il-konstatazzjoni *ex officio* tannullità hija biss waħda mill-possibbiltajiet li għandhom l-Istati Membri biex jipproteġu lill-konsumaturi fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577.

30. Il-Gvern Awstrijak isostni konsegwentement li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 ma jeżiġix mill-Istati Membri li l-qrati tagħhom jikkonstataw *ex officio* n-nullità ta' kuntratt jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

31. *Il-Kummissjoni* ssostni mill-banda l-oħra, li d-Direttiva 85/577 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha — jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż bi ksur tal-obbligu li l-konsumatur jiġi informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt — tikkonstata *ex officio* dan il-ksur u għaldaqstant in-nullità tal-kuntratt minkejja li l-konsumatur ma jkunx invoka n-nullità tal-kuntratt. Skont il-Kummissjoni, il-possibbiltà li l-konsumatur jitlob li jiġi ddikjarat null il-kuntratt, jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, ma hijiex miżura xierqa għall-protezzjoni tal-konsumatur fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577. Hija tafferma li xorta jibqa' r-riskju li l-konsumatur ma jkunx jaf bid-drittijiet tiegħu u konsegwentement ma jinvokahomx.

32. Il-Kummissjoni żżid li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja relattiva għal qasam partikolari, ir-regoli proċedurali intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt Komunitarju jaqgħu taħt is-sistema ġuridika nazz-

16 — Il-Gvern Awstrijak jirreferi f'dan l-istadju għas-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, Ġabra p. 1989, punt 5) u tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 39).

17 — Il-Gvern Awstrijak jinvoka f'dan il-kuntest is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2001, Heininger (C-481/99, Ġabra p. I-9945).

jonali ta' kull Stat Membru skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni madankollu li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u li ma jrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mis-sistema ġuridika Komunitarja (prinċipju ta' effettività) [18]. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-qrati nazzjonali ma jistgħux jaġixxu *ex officio* ħlief f'każijiet eċċezzjonali, fl-interess pubbliku [19].

33. Il-Kummissjoni tafferma madankollu li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza tagħha dwar id-Direttiva 93/13, diġà ddeċidiet li qorti nazzjonali tista' teżamina *ex officio* jekk hemmx klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi [20]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, barra minn hekk, li f'dak li jikkonċerna d-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE, tat-22 ta' Dicembru 1986, għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur [21] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 87/102") il-qorti nazzjonali tista' tieħu ħsieb, *ex officio,* li l-konsumatur ikun jista' jinvoka ċerti drittijiet kontra l-persuna li tagħti l-kreditu [22]. Il-Kummissjoni ssostni li din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta b'analoġija għall-interpretazzjoni tad-Direttiva 85/577.

34. Il-Kummissjoni żiedet tgħid waqt is-seduta li l-miżuri l-oħra — pereżempju l-penali amministrattivi, il-possibbiltà li jxolji l-kuntratt bla restrizzjoni ta' żmien jew l-obbligu tal-qrati li jinformaw lill-konsumatur bid-dritt tiegħu li jxolji i-kuntratt — ma humiex xierqa biex jipproteġu lill-konsumatur. Il-penali amministrattivi jistgħu ċertament ikollhom effett dissważiv, iżda ma humiex intiżi għall-protezzjoni tal-konsumatur individwali; il-possibbiltà, bla restrizzjoni ta' żmien, li jiġi xolt il-kuntratt ma hijiex miżura xierqa peress li xorta jibqa' r-riskju li l-konsumatur ma jkunx jaf bid-drittijiet tiegħu; l-obbligu tal-qrati li jinformaw il-konsumatur bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt jiddependi madankollu fuq l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali li jippermettu tali possibbiltà. Il-Kummissjoni tafferma, fl-aħħar nett, li fid-dawl tal-fatt li l-konsumatur ikun jixtieq, f'ċerti każijiet, iżomm fis-seħħ il-kuntratt, huwa għandu jkollu l-possibbiltà li jopponi l-konstatazzjoni tan-nullità u li, f'dawn il-każijiet, il-kuntratt ikompli jorbtu.

18 — Il-Kummissjoni tinvoka f'dan ir-rigward is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, Ġabra p. I-4705, punt 17); tad-9 ta' Diċembru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-129/00, Ġabra p. I-14637, punt 25); tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233, punt 28) u tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro, (C-168/05, Ġabra p. I-10421, punt 24).

19 — Il-Kummissjoni tirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, van Schijndel (punt 21) u van der Weerd (punt 35).

20 — F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tiċċita s-sentenzi Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 28), Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 32) u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 27).

21 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288. Għandu jiġi rrilevat li din id-direttiva ġiet imħassra bid-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008 L 133, p. 66).

22 — F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tiċċita s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Rampion u Godard (C-429/05, Ġabra p. I-8017).

35. *Il-Gvern Ċek*, li ma ppreżentax osservazzjonijiet bil-miktub, indika waqt is-seduta li huwa ma kienx jaqbel mal-argument tal-Kummissjoni u li d-Direttiva 85/577 ma tistax, fil-fehma tiegħu, tiġi interpretata fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tikkonstata *ex officio* n-nullità tal-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju meta l-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji dan il-kuntratt.

36. Il-Gvern Ċek iressaq tliet motivi insostenn tal-argument tiegħu. Bħala l-ewwel motiv, huwa jgħid li l-konstatazzjoni *ex officio* tan-nullità tippreġudika d-dritt tal-konsumatur li jiddeċiedi huwa stess jekk jixtieqx iżomm fis-seħħ il-kuntratt jew le; fil-fatt, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 85/577, huwa biss il-konsumatur li għandu d-dritt ixolji l-kuntratt. Anki jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, dan id-dritt ma jispiċċax u dan peress li mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 85/577 jirriżulta li t-terminu għax-xoljiment tal-kuntratt jibda jiddekorri biss malli l-konsumatur jiġi informat b'dan id-dritt. Il-Gvern Ċek isostni, bit-tieni motiv tiegħu, li l-Istati Membri għandhom kompetenza esklużiva fil-qasam tad-dritt tal-proċedura ċivili; hemm kompetenza kondiviża biss fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u dan biss meta jkunu involuti kawżi li għandhom elementi transkonfinali. Fil-fehma tiegħu, wieħed jista' jiddubita jekk l-Artikolu 94 KE (ġà l-Artikolu 100 KE), li abbażi tiegħu ġiet adottata d-Direttiva 85/577, jistax jintuża sabiex jiġu adottati miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Fil-fehma tiegħu, fl-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-Gvern Ċek jafferma, bit-tielet motiv tiegħu, li l-ġurisprudenza li tirrigwarda d-direttivi l-oħra fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, li fil-konfront tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja diġà awtorizzat lill-qrati nazzjonali jaġixxu *ex officio*, ma tistax tiġi applikata għal din il-kawża peress li din il-kawża tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva 85/577 li fiha dispożizzjonijiet oħra u struttura differenti minn dik tad-direttivi li fil-konfront tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja awtorizzat lill-qrati nazzjonali jaġixxu *ex officio*.

## VI — Evalwazzjoni tal-Avukat Ġenerali

### A — *Introduzzjoni*

37. Din il-kawża tikkonċerna l-kwistjoni tal-konklużjoni ta' kuntratti barra mil-lok tan-

negozju u l-kwistjoni tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-fatt li l-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji kuntratti bħal dawn. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza tagħha, diġà ttrattat f'diversi okkażjonijiet il-kwistjoni tal-konsegwenzi li jirriżultaw meta din l-informazzjoni ma tingħatax [23], iżda sallum hija qatt ma ddeċidiet jekk il-qrati nazzjonali għandux, f'dan il-każ, ikollhom rwol attiv u jekk għandhomx jaġixxu *ex officio* f'każ li din l-informazzjoni ma tingħatax lill-konsumatur. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja, hija u tiddeċiedi din il-kawża, se jkollha teżamina b'mod preċiż ħafna l-objettivi tad-Direttiva 85/577 u d-diċitura tad-dispożizzjonijiet individwali tagħha.

38. Il-qorti tar-rinviju, bit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, tistaqsi essenzjalment jekk id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 153 KE, tal-Artikoli 3 KE u 95 KE, tal-Artikolu 38 tal-Karta u tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 — b'mod iktar preċiż tal-Artikolu 4 — għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jawtorizzaw lill-qorti nazzjonali, f'każ li l-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, tikkonstata *ex officio* n-nullità tal-kuntratt konkluż barra mil-lok tan-negozju, u dan minkejja l-fatt li l-konsumatur ma jkunx invoka n-nullità tal-kuntratt matul il-proċedimenti quddiem il-qorti nazzjonali.

23 — Ara s-sentenzi Heininger (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17); tal-25 ta' Ottubru 2005, Schulte (C-350/03, Ġabra p. I-9215); tal-25 ta' Ottubru 2005, Crailsheimer Volksbank (C-229/04, Ġabra p. I-9273) u tal-10 ta' April 2008, Hamilton (C-412/06, Ġabra p. I-2383).

B — *Evalwazzjoni tad-domanda preliminari*

1. Rimarki preliminari fuq id-domanda preliminari

a) Dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li l-qorti tar-rinviju qiegħda titlob l-interpretazzjoni tagħhom

39. Il-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari qed titlob li jiġu interpretati diversi dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari l-Artikolu 153 KE meħud flimkien mal-Artikoli 3 u 93 KE, l-Artikolu 38 tal-Karta u ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577. Fost dawn id-dispożizzjonijiet, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577, li bħala regoli tad-dritt sussidjarju jikkonkretizzaw l-isforzi tal-Komunità għall-protezzjoni tal-konsumaturi sanċiti fid-dritt primarju, ser tkun ta' importanza deċiżiva għad-deċiżjoni f'din il-kawża.

40. L-Artikolu 153 KE, li fit-Trattat jinsab taħt it-titolu dedikat għall-'Protezzjoni tal-Konsumatur' fl-ewwel paragrafu fih dispożizzjoni ġenerali li tistipula li l-Komunità, sabiex tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u

sabiex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, għandha tikkontribwixxi għall-ħarsien tas-saħħa, s-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll il-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-organizzazzjoni tagħhom infushom sabiex iħarsu l-interessi tagħhom; fit-tieni paragrafu, dan l-Artikolu jiddisponi li fid-definizzjoni u l-implementazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra tal-Komunità, għandu jingħata kont tal-ħtiġiet tal-ħarsien tal-konsumatur. L-Artikolu 153 KE jindika fit-tielet paragrafu tiegħu liema huma l-miżuri li l-Komunità għandha tadotta biex tilħaq l-għanijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur u fuq liema bażi ġuridika għandu jsir dan. Il-ħames paragrafu ta' dan l-artikolu jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti.

41. Għaldaqstant, l-Artikolu 153 KE huwa dispożizzjoni ġenerali tad-dritt primarju Komunitarju li jirrigwarda l-protezzjoni tal-konsumatur. Dispożizzjoni iktar ġenerali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur tinsab fl-Artikolu 3(1) KE li jiddefinixxi d-diversi oqsma ta' attività tal-Komunità fejn insibu wkoll, skont il-punt (t) ta' dan l-artikolu, il-kontribuzzjoni għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 għandhom jiġu interpretati fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat KE.

42. Il-qorti tar-rinviju, fid-domanda preliminari tagħha, titlob ukoll li jiġu interpretati l-Artikolu 95 KE u l-Artikolu 38 tal-Karta.

43. L-Artikolu 95 KE jservi bħala bażi għall-adozzjoni ta' miżuri li għandhom bħala suġġett it-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern. Ma jirriżultax b'mod ċar mid-dispożizzjoni ċċitata għaliex il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob l-interpretazzjoni tiegħu peress li d-Direttiva 85/577 ma ġietx adottata abbażi ta' din il-bażi ġuridika, iżda abbażi tal-Artikolu 94 KE (li kien l-Artikolu 100 KE). Għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 95 KE, f'dan il-każ, fil-fehma tiegħi, ma hijiex meħtieġa.

44. L-Artikolu 38 tal-Karta jipprovdi li l-politika tal-Unjoni għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. F'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-Karta, nixtieq nenfasizza li dawn ma jifformawx parti mill-ordinament ġuridiku Komunitarju u li l-Qorti tal-Ġustizzja, għaldaqstant, ma hijiex kompetenti biex tinterpretahom [24]. Ċertament, huwa minnu li l-avukati ġenerali jinvokawha regolarment fl-argumenti tal-konklużjonijiet tagħhom [25] u li l-Qorti tal-Ġustizzja wkoll diġà semmiet il-Karta fl-argumenti tagħha [26]. Id-dispożizzjonijiet tal-Karta jistgħu, għaldaqstant, jintużaw f'din il-kawża bħala għajnuna sabiex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577, anki jekk ma jistgħux jiġu invokati biex tingħata risposta għad-domanda preliminari.

24 — Ara f'dan is-sens id-digrieti tas-6 ta' Ottubru 2005, Vajnai (C-328/04, Ġabra p. I-8577, punt 13) u tas-16 ta' Jannar 2008, Polier (C-361/07, Ġabra p. I-6, punt 11).

25 — Ara pereżempju l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Maduro ppreżentati fid-9 ta' Settembru 2008 fil-kawża Elgafaji (C-465/07, Ġabra p. I-921, punti 21 u 23); il-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-11 ta' Settembru 2008 fil-kawża Gorostiaga (C-308/07 P, Ġabra p. I-1059, punti 56, 91 u 92); il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi, ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2009 fil-kawża Mono Car Styling (C-12/08, Ġabra p. I-6653, punti 49, 83, 95 u 97); konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott, ippreżentati fit-22 ta' Jannar 2009 fil-kawża Mellor (C-75/08, Ġabra p. I-3799, punti 24, 25 u 33).

26 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 37).

45. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 se tkun ta' importanza deċiżiva għar-risposta għad-domanda preliminari. Il-qorti tar-rinviju, fid-domanda preliminari, issemmi biss espressament l-Artikolu 4 tad-Direttiva, iżda skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jkunu utli sabiex tingħata deċiżjoni fil-kawża li jkollha quddiemha, kemm jekk dik il-qorti tkun għamlet referenza speċifika għalihom u kemm jekk le [27]. Fl-interpretazzjoni tad-Direttiva 85/577, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-Artikolu 5 tal-istess direttiva li jikkonċerna d-dritt tal-konsumatur li jxolji l-kuntratt u dan apparti l-Artikolu 4 tal-istess direttiva.

b) Problemi mqajma mid-domanda preliminari

46. Qabel ma nibda nanalizza d-domanda preliminari, nixtieq nindika l-kumplessità tal-problemi ġuridiċi mqajma u li jeħtieġ li jiġu indikati bħala t-tema ċentrali tal-analiżi.

47. Fl-ewwel lok, jirriżulta mill-indikazzjonijiet li tat il-qorti tar-rinviju fid-digriet tagħha, li din il-qorti titlaq mill-ipoteżi li l-leġiżlazzjoni Spanjola li tgħid li l-konsumatur għandu jitlob li tiġi ddikjarata n-nullità ma hijiex konformi mad-dritt Komunitarju u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Għaldaqstant, fl-analiżi tad-domanda preliminari, għandu jiġi vverifikat jekk din is-suppożizzjoni tal-qorti tar-rinviju hijiex korretta u jekk il-leġiżlazzjoni Spanjola rilevanti tiżgurax li jkun hemm miżuri xierqa f'każ li l-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

48. Fit-tieni lok, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li d-domanda preliminari tikkonċerna l-konstatazzjoni *ex officio* tannullità peress li d-dritt Spanjol jipprevedi n-nullità relattiva tal-kuntratt f'każ li ma tingħatax l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur; billi l-qorti tar-rinviju ssostni li n-nullità relattiva ma hijiex miżura xierqa ta' protezzjoni għall-konsumatur, hija tixtieq tapplika n-nullità assoluta biex tiżgura din il-protezzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tar-rinviju ma hijiex tistaqsi jekk hija tistax tapplika *ex officio* d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577, imma pjuttost jekk hija tistax tapplika *ex officio* d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Spanjola li tittrasponi din id-direttiva fid-dritt nazzjonali. Ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 85/577 ma tipprovdi effettivament li l-kuntratt ikun null jekk il-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxojli l-kuntratt imsemmi li jkun ġie konkluż barra mil-lok tan-negozju. Id-direttiva, b'hekk, ma tipprevedi ebda konsegwenza oħra f'każ li l-konsumatur ma jkunx ġie informat b'dan id-dritt, imma, mill-banda l-oħra, fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 4, hija tipprovdi sempliċiment li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tistabbilixxi miżuri xierqa ta'

27 — Ara pereżempju s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1990, SARPP (C-241/89, Ġabra p. I-4695, punt 8); tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, Ġabra p. I-1301, punt 16); tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani (C-456/02, Ġabra p. I-7573, punt 38); tat-12 ta' Mejju 2005, RAL (Channel Islands) *et* (C-452/03, Ġabra p. I-3947, punt 25) u tat-22 ta' Diċembru 2008, Kabel Deutschland Vertrieb und Service (C-336/07, Ġabra p. I-10889, punt 47).

protezzjoni għall-konsumatur f'dawk il-kazi meta l-informazzjoni msemmija fl-istess artikolu ma tingħatax. Konsegwentement, l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu x'konsegwenzi għandu jkun hemm f'każ li l-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt; id-direttiva teżiġi biss li dawn il-miżuri jkunu xierqa għall-protezzjoni tal-konsumatur [28]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja, bir-risposta għad-domanda preliminari, għandha tiżgura li bid-deċiżjoni tagħha, hija ma teżiġix li l-Istati Membri l-oħra jipprovdu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom li meta l-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, dan iġib miegħu n-nullità tal-istess kuntratt.

2. In-nullità relattiva tal-kuntratt hija miżura xierqa fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577?

49. Jiena issa ser nanalizza l-ewwel nett jekk in-nullità relattiva tal-kuntratt skont id-dritt Spanjol hijiex miżura xierqa fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577; jiena ser nippreżenta mbagħad ir-regola ġenerali tad-dritt Komunitarju dwar l-eżami *ex officio*; imbagħad ser nanalizza l-kontenut tal-ġurisprudenza fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet eċċezzjoni għal din ir-regola u l-kwistjoni jekk din il-ġurisprudenza tistax tiġi applikata għal din il-kawża; ser neżamina fl-aħħar nett jekk il-qorti tar-rinviju, f'din il-kawża, għandhiex dritt jew obbligu li taġixxi *ex officio*.

50. Il-leġiżlazzjoni Spanjola tiddisponi li jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż mingħajr ma l-konsumatur jiġi informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, in-nullità ta' dak il-kuntratt tista' tiġi kkonstatata fuq talba tal-konsumatur; għaldaqstant, fid-dritt Spanjol din hija nullità relattiva.

51. Hawnhekk nixtieq nuri mill-aspett kemm teoretiku kif ukoll terminoloġiku f'dak li jikkonċerna l-użu tal-kunċett ta' "nullità", li Spanja tifforma parti mill-Istati Membri li jagħmlu distinzjoni bejn in-"nullità assoluta" u n-"nullità relattiva" (bħal pereżempju

28 — L-istess jingħad fir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea *Discussion paper on the Review of Directive 85/577/EEC to protect the consumer in respect of contracts negotiated away from business premises (Doorstep Selling Directive)*, li hija disponibbli fis-sit http://ec.europa.eu/consumers/cons_int/safe_shop/door_sell/doorstepselling_discussion-paper.pdf, p. 9. Ara wkoll fid-dottrina Ehricke U., "L'extension au contrat d'acquisition du bien immobilier des effet juridiques de la révocation d'un contrat de crédit immobilier en application de la directive 85/577/CEE sur le démarchage à domicile. Réflexions sur les limites des principes d'interprétation conforme et d'effet utile des directives", *Revue Européenne de Droit Bancaire et Financier* (EUREDIA), Nru 1/2004, p. 163, li jenfasizza li d-Direttiva 85/577 tagħti lill-Istati Membri diskrezzjoni wiesgħa għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha fid-dritt nazzjonali.

l-Belġju [29] u Franza [30] wkoll), b'kuntrast mal-Istati Membri li jagħmlu distinzjoni bejn in-"nullità" u l-"annullabbiltà" tal-kuntratti (pereżempju, l-Awstrija [31], il-Ġermanja [32], l-Pajjiżi l-Baxxi [33] u s-Slovenja [34]). Skont id-dritt Spanjol, ikun hemm nullità assoluta pereżempju meta waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-konklużjoni ta' kuntratt ma tkunx sodisfatta jew meta l-kuntratt jikser ir-regoli imperattivi jew il-prinċipji morali [35], u jkun hemm nullità relattiva pereżempju jekk ikun hemm żball fl-espressjoni tar-rieda fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt [36]. Il-qrati jistgħu jqajmu n-nullità assoluta *ex officio* u kull parti interessata tista' tinvokaha, mentri n-nullità relattiva trid tiġi invokata mill-parti kkonċernata [37]. Id-distinzjoni bejn in-nullità u l-annullabbiltà hija ċertament differenti mill-aspett terminoloġiku, iżda ż-żewġ kunċetti huma simili fuq livell kunċettwali [38]; kulħadd jista' f'dan ir-rigward jinvoka n-nullità u l-qorti għandha tqajjimha *ex officio*. Jekk ikunu jeżistu motivi biex jiġi annullat il-kuntratt, hija biss il-persuna interessata li tista' tinvokahom [39]. Jiena ninnota wkoll li n-nullità u l-annullabbiltà tal-kuntratti huma ttrattati wkoll mid-dokument talgrupp ta' esperti *Draft Common Frame of Reference (DCFR)* [40] (abbozz ta' qafas komuni ta' referenza). Dan id-dokument jipprovdi fl-Artikolu II.-7:301 li l-kuntratt ikun null

29 — Ara pereżempju W. van Gerven, *Verbintenissenrecht*, it-tieni edizzjoni, Acco, Leuven 2006, p. 146 *et seq* li jispjega li d-dritt Belġjan jagħmel distinzjoni bejn in-nullità assoluta u n-nullità relattiva.

30 — Ara pereżempju J. Flour, J.-L. Aubert., É. Savaux, *Les obligations*. 1. *Acte juridique*, edizzjoni numru 12, Sirey, Pariġi 2006, p. 259, punt 324.

31 — Skont id-dritt Awstrijak, l-annullabbiltà hija prevista jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż b'ingann jew bi vjolenza; ara P. Rummel, f'P. Rummel, Kommentar zum Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch, Manz, Vjenna 2000, kummentarju fuq l-Artikolu 870, p. 1321, punt 1. In-nullità, min-naħa tagħha, hija prevista skont l-Artikolu 879 tal-Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch, jekk il-kuntratt jikser projbizzjoni prevista mil-liġi jew jekk imur kontra l-morali tajbin. Għandu jiġi enfasizzat li fil-kuntest tan-nullità, id-dottrina fl-Awstrija tagħmel distinzjoni bejn in-nullità assoluta li kulħadd jista' jinvoka u li l-qrati għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni *ex officio*, u n-nullità relattiva li ma tistax tiġi invokata ħlief mill-persuni li għandhom interess fiha. Fuq dan is-suġġett ara H. Krejci, f'P. Rummel, Kommentar zum Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch, Manz, Vjenna 2000, kummentarju fuq l-Artikolu 879, p. 1447, punti 247 sa 249.

32 — Ara pereżempju K. Larenz, M. Wolf *Allgemeiner Teil des Bürgerlichen Gesetzbuchs*, id-disa' edizzjoni, Beck, Mjunik 2004, p. 796, punti 4 *et seq* (f'dak li jikkonċerna n-nullità), u p. 800, punti 21 *et seq* (f'dak li jikkonċerna l-annullabbiltà).

33 — Ara pereżempju J. Hijma, *Bijzondere overeenkomsten*, l-ewwel parti, is-seba' edizzjoni, Kluwer, Deventer 2007, p. 224, punt 218; A. S. Hartkamp, *Verbintenissenrecht*, it-tieni parti, it-tnax-il edizzjoni, Kluwer, Deventer 2005, p. 484, punt 459.

34 — Ara pereżempju A. Polajnar Pavčnik, f'M. Juhart, N. Plavšak (ur.), *Obligacijski zakonik s komentarjem*, l-ewwel ktieb, GV založba, Ljubljana 2003, kummentarju fuq l-Artikolu 86, p. 506 *et seq* (f'dak li jikkonċerna n-nullità), u l-kummentarju fuq l-Artikolu 94, p. 524 *et seq* (f'dak li jikkonċerna l-annullabbiltà).

35 — Ara O. Moreno Gil, *Código civil y jurisprudencia concordada*, Boletín oficial del estado, Madrid 2006, p. 1430, kummentarju fuq l-Artikolu 1.300, punti 4.399 u 4.407. Bħala paragun f'dak li jikkonċerna d-dritt Franċiż, ara pereżempju Flour J. *et al*., *op.cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 30), p. 259, punt 325; f'dak li jikkonċerna d-dritt Belġja L. Cornelis, *Algemene theorie van de verbintenis*, Intersentia, Antwerp/Groningen 2000, p. 676, punt 539.

36 — Ara Moreno Gil Ó., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 35), p. 1430, kummentarju fuq l-Artikoli 1.300, punt 4.399. Bħala paragun f'dak li jikkonċerna d-dritt Franċiż ara J. Flour, *et op cit* (nota ta' qiegħ il-paġna 30), p. 260, punt 325, u p. 262, punt 328; f'dak li jikkonċerna d-dritt Belġjan W. van Gerven, *Verbintenissenrecht*, it-tieni edizzjoni, Acco, Leuven 2006, p. 147.

37 — Ara O. Moreno Gil, *op.cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 35), p. 1430, kummentarju fuq l-Artikolu 1.300, punti 4.399 sa 4.407. Bħala paragun f'dak li jikkonċerna d-dritt Franċiż ara J. Flour *et al., op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 30), p. 260, punt 326; f'dak li jikkonċerna d-dritt Belġjan ara pereżempju W. van Gerven, *Verbintenissenrecht*, it-tieni edizzjoni, Acco, Leuven 2006, p. 147.

38 — F'dak li jikkonċerna d-dritt Ġermaniż ara pereżempju K. Larenz, M. Wolf, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 32), p. 796, punt 2, li jiċċita bħala eżempji ta' motivi ta' nullità n-non-osservanza tal-proċeduri preskritti u l-ksur tal-projbizzjonijiet preskritti mil-liġi jew il-morali tajbin u bħala eżempji ta' motivi għall-annullabbiltà, l-iżball u l-frodi. Bħala eżempju f'dak li jikkonċerna d-dritt Olandiż, ara A.S. Hartkamp, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 33), p. 484 *et seq*., punti 459 u 460; f'dak li jikkonċerna d-dritt Sloven A. Polajnar Pavčnik, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 34); f'dak li jikkonċerna n-nullità, il-kummentarju fuq l-Artikolu 86 (p. 506 *et seq*), f'dak li jikkonċerna l-annullabbiltà ara l-kummentarju fuq l-Artikoli 524 *et seq*.

39 — Ara pereżempju f'dak li jikkonċerna d-dritt Ġermaniż K. Larenz, *op.cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 32), p. 797, punt 5; f'dak li jikkonċerna d-dritt Olandiż A.S. Hartkamp, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 33), p. 485; f'dak li jikkonċerna l-konstatazzjoni *ex officio* tan-nullità, ara l-punt 459, filwaqt li dwar l-azzjoni għall-annullabbiltà, ara l-punt 460; f'dak li jikkonċerna d-dritt Sloven A. Polajnar Pavčnik, *op.cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 34); f'dak li jikkonċerna l-konstatazzjoni *ex officio* tan-nullità ara l-kummentarju fuq l-Artikolu 92 (p. 50 *et seq*); filwaqt li dwar l-azzjoni għall-annullabbiltà ara l-kummentarju fuq l-Artikolu 95 (paġni 527 *et seq*).

40 — C. Von Bar *et al*. (ur.), *Principles, Definitions and Model Rules of European Private Law, Draft Common Frame of Reference (DCFR)*. Interim Outline Edition; prepared by the Study Group on a European Civil Code and the Research Group on EC Private Law (Acquis Group), Sellier, European Law Publishers, Mjunik 2008.

jekk (a) jikser prinċipju rikonoxxut bħala fundamentali fid-dritt tal-Istati Membri jew fl-Unjoni Ewropea u (b) jekk l-effettività ta' dan il-prinċipju tkun teħtieġ in-nullità tal-kuntratt [41]. Id-DCFR jipprevedi l-annullabbiltà tal-kuntratti pereżempju jekk ikun hemm żball [42], ingann [43] jew vjolenza [44] waqt il-konklużjoni tal-kuntratt.

52. Biex jiġi stabbilit jekk il-leġiżlazzjoni Spanjola li tipprevedi n-nullità relattiva tal-kuntratt f'każ li l-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt tikkostitwixxix miżura xierqa fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, jeħtieġ, l-ewwel nett, nesponi l-karatteristiċi speċjali tal-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju u l-importanza tad-dritt tal-konsumatur li jxolji l-kuntratti msemmija.

53. Kif jirriżulta mir-raba' premessa tad-Direttiva 85/577, bħala regola ġenerali huwa n-negozjant li jibda n-negozjati għall-kuntratt, u l-konsumatur ikun f'sitwazzjoni kkaratterizzata minn element ta' sorpriża peress li huwa ma jkunx lest għall-kuntratt [45]. Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni partikolari lill-konsumatur peress li dan ma jkunx jista' jqabbel il-kwalità u l-prezz tal-offerta inkwistjoni ma' offerti oħra [46].

54. Minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju, il-konsumatur għandu jkollu żmien ta' riflessjoni, *spatium deliberandi* [47], li fih huwa janalizza l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt u għandu jkollu l-possibbiltà li jxolji l-kuntratt fi żmien għall-anqas sebat ijiem, skont l-Arti-

41 — It-titlu oriġinali tal-Artikolu II.-7:301 (Contracts infringing fundamental principles) jaqra hekk: "A contract is void to the extent that: (a) it infringes a principle recognised as fundamental in the laws of the Member States of the European Union; and (b) nullity is required to give effect to that principle".

42 — Ara pereżempju l-ewwel paragrafu tal-Artikolu II.-7:201 (Mistake), li l-verżjoni oriġinali tiegħu tipprovdi li: "A party may avoid a contract for mistake of fact or law existing when the contract was concluded if: (a) the party, but for the mistake, would not have concluded the contract or would have done so only on fundamentally different terms and the other party knew or could reasonably be expected to have known this; and (b) the other party; (i) caused the mistake; (ii) caused the contract to be concluded in mistake by leaving the mistaken party in error, contrary to good faith and fair dealing, when the other party knew or could reasonably be expected to have known of the mistake; (iii) caused the contract to be concluded in mistake by failing to comply with a pre-contractual information duty or a duty to make available a means of correcting input errors; or (iv) made the same mistake".

43 — Ara pereżempju l-ewwel paragrafu tal-Artikolu II.-7:205 (Fraud), li l-verżjoni oriġinali tiegħu tipprovdi li: "A party may avoid a contract when the other party has induced the conclusion of the contract by fraudulent misrepresentation, whether by words or conduct, or fraudulent non-disclosure of any information which good faith and fair dealing, or any pre-contractual information duty, required that party to disclose".

44 — Ara pereżempju l-ewwel paragrafu tal-Artikolu II.-7:206 (Coercion or threats), li l-verżjoni oriġinali tiegħu tipprovdi li: "A party may avoid a contract when the other party has induced the conclusion of the contract by coercion or by the threat of an imminent and serious harm which it is wrongful to inflict, or wrongful to use as a means to obtain the conclusion of the contract".

45 — Il-Qorti tal-Ġustizzja, pereżempju, fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005 fil-kawża Crailsheimer Volksbank (C-229/04, Ġabra p. I-9273, punt 43) sostniet li l-għan tad-Direttiva 85/577 huwa li tipproteġi l-konsumatur kontra l-element ta' sorpriża inerenti fil-bejgħ fuq it-tarġa tal-bieb. L-element ta' sorpriża ġie enfasizzat ukoll pereżempju minn M. Martín Briceño del R., *La Directiva 85/577, de 20 de diciembre, referente a la protección de los consumidores en el caso de contratos negociados fuera de los establecimientos comerciales, La armonización legislativa de la Unión Europea*, Dykinson, Madrid 1999, p. 162.

46 — Ara pereżempju Martín Briceño, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 45), p. 162; M. Habersack, The Doorstep Selling Directive and Mortgage Loan Contracts, fil-*European Business Law Review*, Nru 6/2000, p. 394.

47 — Din l-espressjoni ġiet użata biex tindika ż-żmien ta' riflessjoni minn P. Manes, Il diritto di pentimento nei contratti dei consumatori dalla legislazione francese alla normativa italiana in attuazione della direttiva 85/577, f'*Contratto e impresa. Europa*, Nru 2/1996, p. 696.

kolu 5(1) tad-Direttiva 85/577 [48]. Jekk il-konsumatur jagħżel li jxolji l-kuntratt, huwa jinħall minn kull obbligazzjoni li tkun ġejja mill-kuntratt xolt, u dan skont l-Artikolu 5(2) tad-direttiva. Dan id-dritt tal-konsumatur huwa tant importanti li l-istess konsumatur ma jistax jirrinunzja għalih [49].

55. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikollu l-possibbiltà li jeżerċita dawn id-drittijiet importanti, huwa essenzjali li l-konsumatur jiġi avżat b'mod xieraq u bil-miktub. In-negozjant, fil-fatt, jista' jisfrutta l-fatt li huwa jista' jikkonvinċi lill-konsumatur biex jikkonkludi l-kuntratt — eventwalment minħabba entużjażmu mumentanju tal-istess konsumatur jew minħabba li huwa ma jkunx jista' jqabbel dik l-offerta ma' offerti oħra — u ma javżahx bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. Il-konsumatur imbagħad jiddispjaċih iktar tard tad-deċiżjoni li jkun ħa, meta jkun 'naqas l-entużjażmu' [50] imma jkun konvint — jekk huwa ma jkunx jaf bil-possibbiltà li jxolj l-kuntratt — li l-kuntratt jorbtu.

56. Għall-protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest tal-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju, l-element importanti għalhekk ma huwiex biss li l-konsumatur ikollu d-dritt li jxolji l-kuntratt, imma mill-banda l-oħra, li jkun ukoll *konxju* tad-drittijiet tiegħu u li huwa jiġi informat bl-istess drittijiet [51]. Kif diġà enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Heininger, jekk il-konsumatur ma jkunx jaf bl-eżistenza tad-dritt ta' revoka, ikun impossibli għalih jeżerċita dak id-dritt [52]. Jekk ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, huwa għaldaqstant ma jkunx jista' jeżerċita d-drittijiet kollha li huma relatati miegħu, bħal pereżempju li jitlob li tiġi kkonstatata n-nullità tal-kuntratt konkluż fin-nuqqas ta' dik l-informazzjoni, sakemm ma jiġix żgurat li huwa jkun ġie effettivament informat bid-drittijiet tiegħu marbutin mad-dritt li jxolji l-kuntratt.

57. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-leġiżlazzjoni Spanjola li tipprovdi li l-konsumatur jista' jitlob li tiġi kkonstatata n-nullità tal-kuntratt konkluż barra mil-lok tan-negozju jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, ma hijiex miżura xierqa fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Arti-

48 — Fid-dottrina, ara pereżempju M. Habersack, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 46), p. 394. P. Mankowski, Die gemeinschaftsrechtliche Kontrolle von Erlöschenstatbeständen für verbraucherschützende Widerrufsrechte, f'*Juristenzeitung*, Nru 23/2008, p. 1143, li jenfasizza li d-dritt tat-tħassir huwa fil-fatt l-unika element ta' protezzjoni tal-konsumatur fid-Direttiva 85/577 u li l-iċken restrizzjoni fuq dan id-dritt twassal għat-tnaqqis f'din il-protezzjoni.

49 — Ara l-Artikolu 6 tad-Direttiva 85/577 fejn jingħad li l-konsumatur ma jistax jirrinunzja għad-drittijiet mogħtija lilu mid-direttiva.

50 — Iż-żmien għar-riflessjoni li jsegwi l-konklużjoni tal-kuntratt huwa msejjaħ spiss "*cooling off period*" (litteralment "perijodu tat-tkessieħ"). Ara pereżempju l-Green Paper fuq l-eżami tal-ordinament ġuridiku Komunitarju fuq il-protezzjoni tal-konsumaturi (ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea) COM(2006) 744 finali, p. 10 verżjoni Ingliża; studju tal-Kummissjoni Ewropea *Discussion paper on the Review of Directive 85/577/EEC to protect the consumer in respect of contracts negotiated away from business premises (Doorstep Selling Directive),* li hija disponibbli fis-sit http://ec.europa.eu/consumers/cons_int/safe_shop/door_sell/doorstepselling_discussion-paper.pdf, p. 10.

51 — Għandu jingħad ukoll li d-Direttiva 85/577, b'dan, timponi responsabbiltà partikolari fuq in-negozjant inkwantu l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-konsumaturi jiddependi fuq l-informazzjoni tan-negozjant. Fuq dan is-suġġett ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger, ippreżentati fit-12 ta' Lulju 2001 fil-kawża Heininger (C-481/99, Ġabra p. I-9945, punt 60).

52 — Ara s-sentenza Heininger (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 45). Ara wkoll is-sentenza Hamilton (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 33) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger ippreżentati fit-12 ta' Lulju 2001 fil-kawża Heiniger (C-481/99, Ġabra p. I-945, punt 60). Fid-dottrina, ara pereżempju B. Rudisch, Das "Heininger"-Urteil des EuGH vom 13. 12. 2001, Rs C-481/99: Meilenstein oder Stolperstein für den Verbraucherschutz bei Realkrediten?, fi B. Eccher, K. Nemeth, A. Tangl (éd.), *Verbraucherschutz in Europa. Festgabe für em. o. Univ.-Prof. Dr. Heinrich Mayrhofer*, Verlag Österreich, Vjenna 2002, p. 202.

kolu 4 tad-Direttiva 85/577 sakemm ma jiġix żgurat li l-konsumatur ikun effettivament ġie informat bid-drittijiet li jagħtih id-dritt nazzjonali f'dan il-każ.

58. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk il-qorti għandhiex taġixxi *ex officio* jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

3. Regola ġenerali: fid-dritt Komunitarju ma jeżisti ebda obbligu ġenerali ta' evalwazzjoni *ex officio*

59. Għandu jiġi enfasizzat li skont id-dritt Komunitarju, ma jeżisti ebda obbligu ġenerali tal-qrati nazzjonali li jieħdu inkunsiderazzjoni *ex officio* d-drittijiet li jgawdu l-individwi taħt id-dritt Komunitarju. Skont ġurisprudenza stabbilita, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja relattiva għal qasam partikolari, ir-regoli proċedurali intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt Komunitarju huma ddeterminati mis-sistema ġuridika nazzjonali ta' kull Stat Membru skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni madankollu li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u li ma jrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mis-sistema ġuridika Komunitarja (prinċipju ta' effettività) [53]. Kull każ fejn titqajjem il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mill-ordinament ġuridiku Komunitarju għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha, ikkunsidrati flimkien, quddiem id-diversi qrati nazzjonali [54].

60. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-prinċipju ta' effettività ma jimponix dmir fuq il-qrati nazzjonali li jqajmu motiv ibbażat fuq dispożizzjoni Komunitarja *ex officio*, indipendentement mill-importanza tagħha għall-ordinament ġurdiku Komunitarju, meta l-partijiet jingħataw opportunità ġenwina li jqajmu motiv ibbażat fuq id-dritt

53 — F'dan is-sens ara s-sentenzi Peterbroeck (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 12), van Schijndel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 17); tas-16 ta' Mejju 2000, Preston *et* (C-78/98, Ġabra p. I-3201, punt 31); tad-9 ta' Diċembru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-129/00, Ġabra p. I-14637, punt 25); van der Weerd (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 28) u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 24).

54 — Ara s-sentenzi Peterbroeck (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 14); van Schijndel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 19) u van der Weerd (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 33).

Komunitarju quddiem qorti nazzjonali [55]. Dan huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-inizjattiva ta' proċess tappartjeni lill-partijiet u li, għalhekk, il-qorti ma tistax taġixxi *ex officio* ħlief f'każijiet eċċezzjonali, fl-interess pubbliku [56].

61. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha ħolqot eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali għal ċerti direttivi fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi — l-ewwel nett fir-rigward tad-Direttiva 93/13, u iktar tard anki fir-rigward tad-Direttiva 87/102 — u hija ppermettiet li għall-protezzjoni tal-konsumatur u t-twettiq tal-għanijiet ta' dawn id-direttivi, il-qorti nazzjonali tista' tevalwa ċerti motivi *ex officio* [57] .

62. Għaldaqstant, jiena se nippreżenta iktar 'il quddiem il-kontenut tal-ġurisprudenza dwar id-Direttivi 93/13 u 87/102 qabel ma niddeċiedi jekk din il-ġurisprudenza tistax tiġi applikata b'analoġija għad-Direttiva 85/577.

4. Eċċezzjoni għar-regola ġenerali: ġurisprudenza dwar id-Direttiva 93/13 u d-Direttiva 87/102

a) Ġurisprudenza dwar id-Direttiva 93/13

63. F'dak li jikkonċerna d-Direttiva 93/13, il-kawżi rilevanti huma l-kawżi Océano Grupo [58], Cofidis [59] u Mostaza Claro [60].

64. Fil-kawża Océano Grupo, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li s-sistema ta' protezzjoni implementata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew il-fornitur, għal dak li jikkonċerna kemm is-setgħa ta' negozjar kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li ġġiegħlu jaderixxi għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur, mingħajr ma jista' jeżerċita ebda influwenza fuq il-kontenut tagħhom [61]. Hija indikat li

55 — Ara s-sentenza van der Weerd (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 41); f'dan is-sens ara wkoll is-sentenza van Schijndel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 22). Fid-dottrina, ara pereżempju Lenaerts K., Arts D., Maselis I., *Procedural Law of the European Union*, it-tieni edizzjoni, Sweet & Maxwell, Londra 2006, p. 104, punt 3-035; Simon D., Modalités du relevé d'office, f'*Europe — Revue mensuelle LexisNexis JurisClasseur*, Awissu Settembru 2007, p. 12; Jans J. H., Marseille A. T., Kawżi ma-għquda C-222–225/05, Van der Weerd and others f'Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit, Judgment of the Court (Fourth Chamber) of 7 June 2007, [2007] ECR I-4233, f'*Common Market Law Review*, Nru 3/2008, p. 858-859.

56 — Ara s-sentenza van Schijndel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 21) u s-sentenza van der Weerd (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 35).

57 — Għandu jingħad ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja ppermettiet ukoll eċċezzjoni għal din ir-regola f'każijiet oħra bħalma hija s-sentenza Peterbroeck (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10), fejn hija ddeċidiet li d-dritt Komunitarju jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali li jipprojbixxu lill-qorti nazzjonali milli teżamina *ex officio* l-konformità ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ma' dispożizzjoni Komunitarja jekk l-individwu ma jinvokahiex fi żmien speċifiku. L-istess jgħodd għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni; ara s-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, Ġabra I-3055, punt 40) u tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 31).

58 — Ara s-sentenza Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13).

59 — Ara s-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14).

60 — Ara s-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15).

61 — Ara s-sentenza Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 25).

l-objettiv imfittex mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 — li jimponi fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu li l-klawżoli inġust ma jkunux jorbtu lill-konsumatur — ma jkunx jista' jintlaħaq jekk il-konsumatur ikollu jinvoka huwa stess in-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli [62]. Hija enfasizzat li jeżisti r-riskju li l-konsumatur, fuq kollox minħabba injoranza, ma jinvokax in-natura inġusta ta' klawżola u li l-protezzjoni effettiva tal-konsumatur ma tkunx tista' tinkiseb għalhekk ħlief jekk il-qorti nazzjonali jkollha l-possibbiltà tevalwa tali klawżola *ex officio* [63].

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat ukoll fil-kawża Océano Grupo li l-fakultà ta' qorti li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola tikkostitwixxi mezz xieraq sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit fl-Artikolu 6 tad-direttiva, u tipprekludi li konsumatur individwali jkun marbut bi klawżola inġusta u tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 7 tal-istess direttiva [64], peress li tali eżami jista' jkollu effett dissważiv li jwassal sabiex ma jintużawx aktar klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi minn bejjiegħa jew fornituri mal-konsumaturi [65].

66. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kawża Océano Grupo li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/313 tiżgura lill-konsumatur, timplika wkoll li *l-qorti nazzjonali tista' tevalwa n-natura inġusta tal-klawżola f'kuntratt ex officio* [66].

67. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat bl-istess mod fil-kawża Cofidis li l-fakultà mogħtija lill-qorti li teżamina *ex officio* n-natura abbużiva ta' klawżola hija neċessarja sabiex tiżgura lill-konsumatur protezzjoni effettiva, fid-dawl b'mod partikolari tar-riskju, li wieħed ma għandux jiskarta, li huwa ma jkunx jaf x'inhuma d-drittijiet tiegħu jew li jsib diffikultà biex jeżerċitahom [67]. Hija ddeċidiet għaldaqstant f'din il-kawża li d-Direttiva 93/13 tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li biha — fi proċedimenti mibdija minnegozjant jew il-fornitur kontra l-konsumatur abbażi ta' kuntratt konkluż bejniethom — il-qorti nazzjonali, wara l-iskadenza ta' terminu perentorju, ma tkunx tista' tqajjem iktar *ex officio* jew fuq talba tal-konsumatur, in-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt [68].

68. Il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet affermat il-prinċipju ċċitat fil-kawża Mostaza Claro, fejn hija ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija timplika li qorti nazzjonali li quddiemha jiġi ppreżentat rikors għall-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha tevalwa n-nullità tal-ftehim ta' arbitraġġ u tannulla din id-de-

62 — *Ibidem* (punt 26).

63 — *Ibidem* (punt 26). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermatha sussegwentement fis-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 33) u fis-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 28).

64 — L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li "jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri", filwaqt li skont l-Artikolu 7(2), dawn il-mezzi "għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li bihom persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali kkonċernata quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti għal deċiżjoni dwar jekk il-klawżoli kuntrattwali […] jkunux inġusti […]". L-għan tal-Artikolu 7, għaldaqstant, huwa li jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur, anki permezz tal-intervent ta' persuni li mhumiex parti fil-kuntratt.

65 — Ara s-sentenza Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 28). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermatha iktar tard fis-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 32) u fis-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 27).

66 — Ara s-sentenza Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, l-ewwel punt tad-dispożittiv).

67 — Ara s-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 33).

68 — Ara s-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 38 u d-dispożittiv).

ċiżjoni għar-raġuni li l-imsemmi ftehim fih klawżola inġusta, anki jekk il-konsumatur ma jkunx invoka l-imsemmija nullità fil-kuntest tal-proċedimenti ta' arbitraġġ, iżda biss fil-kuntest tar-rikors għal annullament [69].

b) Ġurisprudenza dwar id-Direttiva 87/102

69. Bħalma tenfasizza l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà applikat il-ġurisprudenza bbażata fuq il-kawżi Océano Grupo, Cofidis u Mostaza Claro għal direttiva oħra fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, jiġifieri d-Direttiva 87/102. Fil-kawża Rampion [70], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 87/102 għandha tiġi interpretata fis-sens *li tippermetti lill-qorti nazzjonali tapplika ex officio d-dispożizzjonijiet li jittrasponu fid-dritt intern l-Artikolu 11(2) tagħha* [71]. Dan l-Artikolu tad-Direttiva 87/102 jipprovdi li l-konsumatur, f'ċerti ċirkustanzi partikolari [72], ikollu d-dritt li jinvoka rimedji kontra min jagħti l-kreditu u li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sa fejn u taħt liema kundizzjonijiet dawn ir-rimedji jistgħu jiġu eżerċitati.

70. Fl-argumenti tagħha fil-kawża Rampion, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-għan tad-Direttiva 87/102 huwa doppju: fl-ewwel lok, li tiżgura l-ħolqien ta' suq komuni fil-kreditu lill-konsumatur u fit-tieni lok, il-protezzjoni tal-konsumaturi li jieħdu dawn il-krediti [73]. L-Artikolu 11(2) tagħha għandu l-għan li jagħti lill-konsumatur, drittijiet fir-rigward tal-persuna li tagħti l-kreditu apparti d-drittijiet kuntrattwali normali tiegħu fir-rigward tal-persuna li tagħti l-kreditu u fir-rigward tal-fornitur tal-oġġetti jew tas-servizzi [74]. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dan l-għan ma jistax jinkiseb b'mod effettiv jekk il-konsumatur ikun obbligat li jinvoka huwa stess id-drittijiet tiegħu fil-konfront tal-persuna li tagħti l-kreditu, b'mod partikolari minħabba r-riskju li l-konsumatur ma jkunx jaf bid-drittijiet tiegħu jew jiltaqa' ma diffikultajiet sabiex jeżerċitahom [75].

5. L-applikazzjoni tal-ġurisprudenza dwar id-Direttivi 93/13 u 87/102 għal din il-kawża

71. Il-ġurisprudenza ċċitata tista' fil-fehma tiegħi tiġi applikata għal din il-kawża, iżda huwa importanti li din l-applikazzjoni tkun raġonevoli u ma tmurx kontra l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet speċjali tad-Direttiva 85/577.

69 — Ara s-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 39 u d- dispożittiv).

70 — Ara s-sentenza Rampion (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22).

71 — *Ibidem* (punt 69 u d-dispożittiv).

72 — Iċ-ċirkustanzi segwenti jinsabu ċċitati fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 87/102: "Fejn: (a) biex jixtri xi oġġetti jew jikseb xi servizzi l-konsumatur jidħol f'xi ftehim ta' kreditu ma' xi persuna li ma tkunx dik li tipprovdihom; u (b) min ikun qed jagħti l-kreditu u min jipprovdi l-merkanzija jew is-servizzi għandhom xi ftehim minn qabel li taħtu l-kreditu huwa disponibbli biss minn dik il-persuna li qiegħda tagħti l-kreditu lil min qed jixtri mingħand dik il-persuna li qiegħda tipprovdi għax-xiri tal-merkanzija jew tas-servizzi mingħand dik il-persuna li tipprovdihom; u (ċ) l-konsumatur imsemmi fis-subparagrafu (a) jikseb il-kreditu tiegħu skond dak il-ftehim li kien jeżisti minn qabel; u (d) l-merkanzija u s-servizzi li jaqgħu taħt il-ftehim ta' kreditu m'humiex ipprovduti, jew parti tagħhom biss hija pprovduta, jew mhumiex konformi mal-kuntratt biex jiġu pprovduti; u (e) l-konsumatur ħa r-rimedji tiegħu kontra min jipprovdi iżda ma rnexxilux jikseb is-sodisfazzjon li għandu dritt għalih, il-konsumatur ikollu d-dritt li jieħu r-rimedji kontra min jagħti l-kreditu. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sa fejn u taħt liema kundizzjonijiet dawn ir-rimedji jistgħu jiġu eżerċitati."

73 — Ara s-sentenza Rampion (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 59).

74 — *Ibidem* (punt 64).

75 — *Ibidem* (punt 65).

72. M'hemmx dubju fuq kollox li r-*ratio* ta' din il-ġurisprudenza u l-motivi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi inkwistjoni jistgħu jiġu applikati għal din il-kawża. Id-deċiżjonijiet fil-kawżi Océano Grupo, Cofidis, Mostaza Claro u Rampion jitilqu mill-presuppożizzjoni li l-konsumatur isib ruħu f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ [76] u mill-fatt li jeżisti r-riskju li l-konsumatur ma jkunx jaf bid-drittijiet tiegħu jew jiltaqa' ma' diffikultajiet sabiex jeżerċitahom [77]. Is-sistema li timplementa d-Direttiva 85/577 hija bbażata wkoll fuq il-fatt li l-konsumatur huwa l-parti l-iktar dgħajfa fil-kuntratt u jeħtieġ li tiġi żgurata lilu protezzjoni speċjali, ħaġa li tirriżulta diġà b'mod partikolarment ċar mill-obbligu li għandu jiġi informat bil-miktub bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt — għaldaqstant huwa preżunt li l-konsumatur ma jkollux konoxxenza ta' dan id-dritt jekk huwa ma jkunx ġie informat bih — u mill-obbligu li l-Istati Membri għandhom jipprovdu miżuri xierqa f'każ li dik l-informazzjoni ma tingħatax [78]. L-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur huwa għalhekk l-istess kemm fil-każ tad-Direttiva 93/13 jew tad-Direttiva 87/102 kif ukoll fil-każ tad-Direttiva 85/577 [79]. Kollha kemm huma jitilqu mill-ipoteżi li hemm ir-riskju li l-konsumatur ma jkunx jaf bid-drittijiet tiegħu. Tali sitwazzjoni ta' inugwaljanza bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ tista' tiġi bbilanċjata biss minn intervent pożittiv, li ma jiġix mill-partijiet fil-kuntratt [80].

73. Barra minn hekk, hija u tiġi applikata din il-ġurisprudenza, għandha ssir distinzjoni ċara bejn dak li l-qorti nazzjonali tikkonstata *ex officio* u dik li hija l-konsegwenza ta' din il-konstatazzjoni. Il-pern tal-ġurisprudenza li tirrigwarda d-Direttiva 93/13 huwa li l-qorti nazzjonali għandha tikkonstata *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali u mhux li hija għandha l-possibbiltà li tikkonstata li tali klawżola kuntrattwali ma torbotx lill-konsumatur; dan l-aħħar punt ma huwiex ħlief il-konsegwenza tal-konstatazzjoni li hemm klawżola inġusta [81]. Skont id-Direttiva 87/102 ukoll, il-qorti nazzjonali tapplika *ex officio* d-dispożizzjonijiet li jittrasponu fid-dritt intern l-Artikolu 11(2) tad-direttiva; il-konsegwenzi jinsabu previsti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali u jistgħu jvarjaw skont l-Istati Membri. B'analoġija mad-distinzjoni

76 — Is-sitwazzjoni ta' inferjorità tal-konsumatur fil-konfront tan-negozjant hija enfasizzata pereżempju mis-sentenzi Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 25) u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 26).

77 — Ara s-sentenzi Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 26); Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 33); Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 28) u Rampion (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 65).

78 — Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-għan prinċipali tad-Direttiva 85/577 huwa l-protezzjoni tal-konsumatur quddiem ir-riskju li joħroġ mill-fatt li jiġi konkluż kuntratt barra mil-lok tan-negozju, u li din il-protezzjoni hija żgurata bl-introduzzjoni tad-dritt tat-thassir; ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17, is-sentenza Heininger li tinsab iċċitata hemmhekk (punt 38); ara wkoll is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005, Schulte (C-350/03, Ġabra p. I-9215, punt 66 u s-sentenza Hamilton iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23 (punt 32).

79 — Inżid ngħid li r-rekwiżit ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur jinsab ukoll fl-Artikolu 38 tal-Karta li jipprovdi (*op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 5) li l-politika tal-Unjoni għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

80 — Ara b'analoġija s-sentenzi Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 27) u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 26).

81 — Jiena ninnota li l-konsegwenza tal-inklużjoni ta' klawżola inġusta f'kuntratt skont id-Direttiva 93/13 hija differenti mill-konsegwenza tan-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumatur dwar id-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt skont id-Direttiva 85/577. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jeżiġi espliċitament mingħand l-Istati Membri li huma jistabbilixxu li "klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom […] *ma jkunux jorbtu lill-konsumatur* […]" (enfasi tiegħi). It-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 jipprovdi biss li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom *tistabilixxi miżuri xierqa* ta' protezzjoni għall-konsumatur f'dawk il-kazi meta l-informazzoni msemmija f'dan l-Artikolu ma tingħatax" (enfasi tiegħi). Id-differenza bejn il-konsegwenzi tinsab ukoll fil-fatt li fil-każ tad-Direttiva 93/13, il-konsegwenza tal-klawżola inġusta hija stabbilita fid-dritt Komunitarju, filwaqt li fil-każ meta ma tingħatax l-informazzjoni lill-konsumatur dwar id-dritt li l-kuntratt jiġi xolt, il-konsegwenzi huma stabbiliti fid-dritt nazzjonali.

bejn il-konstatazzjoni *ex officio* u l-konsegwenza ta' din il-konstatazzjoni, jista' jiġi sostnut li huwa raġonevoli li fil-kuntest tad-Direttiva 85/577, il-qorti nazzjonali tikkonstata *ex officio jekk il-konsumatur ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt*.

74. Huwa ċar li f'dan l-istadju tqum mill-ewwel il-kwistjoni tal-konsegwenzi li jirriżultaw minn din il-konstatazzjoni. Il-qorti tarrinviju ssostni li f'dan il-każ, in-nullità assoluta tal-kuntratt inkwantu hija miżura iktar stretta min-nullità relattiva prevista fid-dritt Spanjol, hija miżura xierqa ta' protezzjoni tal-konsumatur. Il-kwistjoni, madankollu, hija jekk in-nullità assoluta bħala konsegwenza tan-nuqqas li tingħata informazzjoni lill-konsumatur hijiex miżura li tirrifletti l-għan tad-Direttiva 85/577; għaldaqstant għandu jiġi deċiż jekk — bħalma jiġri f'dak li jikkonċerna n-nullità relattiva — in-nullità assoluta tal-kuntratt li l-qorti nazzjonali tikkonstata *ex officio* hijiex miżura xierqa għall-finijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva.

75. Għal dak li jikkonċerna n-natura xierqa tan-nullità assoluta, nixtieq nuri l-ewwel nett il-paralleliżmu bejn id-dritt tal-konsumatur li jxolji l-kuntratt u d-dritt tiegħu li jiddeċiedi l-validità tal-kuntratt li jkun ġie konkluż mingħajr ma tkun ingħatatlu l-informazzjoni meħtieġa. Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eżerċizzju tad-dritt li wieħed ixolji l-kuntratt, li jkun ġie konkluż barra mil-lok tan-negozju, jiddependi mir-rieda tal-konsumatur. Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 85/577: "Il-konsumatur għandu jkollu d-dritt [82] li jirrinunżja għall-effetti tal-ftehim tiegħu". Is-sustanza ta' din id-dispożizzjoni hija b'hekk li l-konsumatur għandu jiddeċiedi huwa stess jekk jirtirax mill-kuntratt. Madankollu mill-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 85/577 jirriżulta li l-konsumatur jinħall minn kull obbligazzjoni li titnissel mill-kuntratt xolt biss jekk javża lill-kontraent l-ieħor b'dan it-tħassir. Sabiex il-kuntratt ma jibqax jorbot lill-konsumatur, jeħtieġ allura li dan jieħu deċiżjoni u jaġixxi billi jagħti avviż għat-tħassir.

76. L-istess bħalma l-konsumatur għandu jkollu d-dritt li jeżerċita d-dritt li jxolji l-kuntratt, huwa għandu jkollu l-possibbiltà wkoll li jiddeċiedi huwa stess jekk iżommx fis-seħħ il-kuntratt konkluż meta ma tkunx ingħatatlu din l-informazzjoni. Huwa possibbli fil-fatt li huwa jkun jixtieq iżomm fis-seħħ il-kuntratt anki jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. F'din il-kawża, jekk tiġi kkonstatata n-nullità tal-kuntratt, il-konsumatur ikollu, fil-prinċipju, jirrestitwixxi l-merkanzija riċevuta biex jiġi rrimborsat lilu l-prezz tal-akkwist li

82 — Enfasi tiegħi. Ara wkoll il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ta' din l-istess dispożizzjoni: l-Ingliża *("the consumer shall have the right")*, il-Ġermaniża *("der Verbraucher besitzt das Recht")*, it-Taljana *("il consumatore ha il diritto")*, l-Ispanjola *("el consumidor tendrá el derecho")*.

jkun ġie mħallas [83], u dan skont id-dritt Spanjol u minħabba l-prinċipju *quod nullum est, nullum producit effectum* [84] . Huwa possibbli li dan ma jkunx ta' vantaġġ għall-konsumatur; in-nullità tal-kuntratt, mill-banda l-oħra, tista' tirriżulta kompletament ta' dannu għalih [85]. Kif tesprimi l-massima bil-Latin, *summum ius summa iniuria*, wieħed jista' wkoll jikkaġuna ħsara lill-konsumatur jekk dan jiġi protett eċċessivament.

77. Huwa importanti wkoll li jiġi rrilevat li meta tiġi aċċettata n-nullità assoluta, wieħed ikun qiegħed imur lil hinn minn dak li tippermetti l-ġurisprudenza dwar id-Direttiva 93/13. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jippermetti fil-fatt li "l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet […] jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti". B'ħekk, kulma għandha tagħmel il-qorti nazzjonali, skont id-Direttiva 93/13, huwa li tikkonstata *ex officio* jekk il-klawżoli individwali humiex inġusti; il-kuntratt jibqa' fis-seħħ jekk huwa jkun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju tixtieq madankollu tikkonstata n-nullità tal-kuntratt kollu, att li l-konsegwenzi tiegħu għall-kuntratt ikunu iktar severi minn dawk li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13.

78. Konsegwentement, jiena nsostni li n-nullità assoluta tal-kuntratt, li l-qorti nazzjonali tikkonstata *ex officio* f'każ li l-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, ma hijiex miżura xierqa għall-finijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577.

79. Għaldaqstant, bil-fatt li tiġi stabbilita l-konsegwenza li tirriżulta mill-konstatazzjoni tal-qorti nazzjonali li l-konsumatur ma

83 — Dan il-prinċipju jfisser li l-kuntratt null ma jkollu ebda effett ġuridiku; fil-kuntest tad-dritt Spanjol, dan huwa dak li esprima pereżempju L. Díez-Picazo., A. Gullón, *Sistema de derecho civil*, *Vol. II,* is-seba' edizzjoni, Tecnos, Madrid 1995, p. 109. Fid-dritt komparattiv, jiena ninnota li dan il-prinċipju huwa rikonoxxut ukoll mill-ordinamenti ġuridiċi l-oħra tal-Istati Membri; ara pereżempju f'dak li jikkonċerna d-dritt Franċiż J. Flour *et al., op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 30), p. 297, punt 361; f'dak li jikkonċerna d-dritt Sloven A. Polajnar Pavčnik, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 34), kummentarju fuq l-Artikolu 86, p. 507.

84 — Ara l-Artikolu 1.303 tal-Código civil espagnol. Ara fid-dottrina Spanjola, f'dak li jikkonċerna l-obbligu li jingħataw lura l-prodotti irċevuti abbażi ta' kuntratt null, L. Díez-Picazo, A. Gullón, *op. cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 83), p. 111. Fl-ordinamenti ġuridiċi l-oħra tal-Istati Membri, il-leġiżlazzjoni hija simili; ara pereżempju, fir-rigward tad-dritt Ġermaniż, K. Larenz, M. Wolf, *op.cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 32), p. 797, punt 8, li jafferma li jekk il-kuntratt huwa null, jeħtieġ li wieħed jirritorna għas-sitwazzjoni li kien ikun hemm kieku l-kuntratt null ma jkun qatt ġie eżegwit; fir-rigward tad-dritt Franċiż, ara J. Flour *et al., op.cit*. (nota ta' qiegħ il-paġna 30), p. 298, punt 362; fir-rigward tad-dritt Sloven ara A. Polajnar Pavčnik, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 34), kummentarju fuq l-Artikolu 87, p. 513 *et seq.*

85 — Wieħed jimmaġina, bħala eżempju, il-każ fejn fil-kuntest tal-bejgħ fuq it-tarġa tal-bieb, il-konsumatur jixtri enċiklopedija fil-presale u bi prezz irħas għall-ewwel xerreja. Il-konsumatur iħallas il-prezz iżda l-bejjiegħ ma jikkonsenjax il-merkanzija fit-terminu previst; il-konsumatur jibda proċeduri kontra l-bejjiegħ. Il-qorti tikkonstata li l-konsumatur ma ġiex informat bid-dritt tat-thassir tiegħu u tikkonstata n-nullità tal-kuntratt. Il-bejjiegħ jirrifondi l-prezz lill-konsumatur, iżda peress li l-konsumatur jixtieq jixtri l-enċiklopedija fi kwalunkwe każ, huwa jordnaha mill-ġdid iżda bi prezz oħla peress li huwa ma jistax iktar jixtriha bi prezz tal-presale.

ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, wieħed għandu jfittex alternattiva li tirrifletti aħjar l-għan tad-Direttiva 85/577 u dan permezz ta' interpretazzjoni teleoloġika.

80. Fil-fehma tiegħi, l-għan imfittex mid-Direttiva 85/577 jintlaħaq bl-aħjar mod possibbli jekk il-qorti nazzjonali, f'każ li hija tikkonstata *ex officio* li l-konsumatur ma ġiex informat bid-dritt li jxolji l-kuntratt, *tinforma lill-konsumatur bid-drittijiet li jagħtih, f'dan il-każ, id-dritt nazzjonali*. B'hekk tiġi żgurata, minn banda, protezzjoni xierqa tal-konsumatur u l-konsumatur ikun jista', mill-banda l-oħra, jiddeċiedi huwa stess skont il-prinċipju tal-awtonomija tal-kunsens [86], jekk iżommx fis-seħħ il-kuntratt f'każ li huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

81. Barra minn hekk, is-soluzzjoni li biha l-qorti nazzjonali tinforma lill-konsumatur bid-drittijiet tiegħu skont id-dritt nazzjonali tippermetti li jiġi rrispettat id-dritt tal-Istati Membri, iggarantit mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, li jistabbilixxu huma stess il-miżuri xierqa f'każ li l-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. Kieku l-qorti nazzjonali tkun tista' tikkonstata *ex officio* n-nullità ta' kuntratt konkluż fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, tkun qed titneħħa lill-Istati Membri s-setgħa diskrezzjonali li d-direttiva tagħtihom fir-rigward tal-konswegwenzi li jirriżultaw minn dawn il-kuntratti. L-analiżi tad-dritt komparattiv turi fil-fatt li l-Istati Membri għażlu miżuri differenti ħafna biex jittrasponu t-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, għall-każijiet fejn il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. Wieħed jista' jaqsam lill-Istati Membri b'mod ġenerali f'żewġ gruppi; jiena ser niċċita iktar 'il quddiem u bħala eżempju l-każ ta' xi Stati Membri — mingħajr ma niġġudika jekk dawn ittrasponewx b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 fid-dritt nazzjonali tagħhom.

82. Fl-ewwel grupp hemm l-Istati li d-dritt nazzjonali tagħhom, bħala konsegwenza tannuqqas tal-għoti ta' informazzjoni lill-konsu-

86 — Ara pereżempju J. Basedow, Die Europäische Union zwischen Marktfreiheit und Überregulierung — Das Schicksal der Vertragsfreiheit, f'Bitburger Gespräche Jahrbuch 2008/I, Beck, Mjunik 2009, p. 86 li jenfasizza li l-libertà kuntrattwali hija l-iktar espressjoni importanti tal-awtonomija tal-kunsens. F'dak li jikkonċerna l-awtonomija tal-kunsens, ara b'mod komparattiv fid-dottrina Ġermaniża K. Larenz, M. Wolf, Allgemeiner Teil des bürgerlichen Rechts, id-disa' edizzjoni, Beck, Munich 2004, p. 2, punt 2; fid-dottrina Awstrijaka H. Koziol, R. Welser, Grundriss des bürgerlichen Rechts, Band I: Allgemeiner Teil — Sachenrecht — Familienrecht, il-ħdax-il edizzjoni Manzsche Verlags- und Universitätsbuchhandlung, Vjenna 2000, p. 84; fid-dottrina Spanjola L. Díez-Picazo, A. Gullón, Sistema de derecho Civil, Vol I, l-għaxar edizzjoni, Technos, Madrid 2002, p. 369 *et seq*, 375; fid-dottrina Franċiża J. L. Aubert, E. Savaux, Les obligations 1. Acte juridique, it-tnax-il edizzjoni, Sirey, Pariġi 2006, p. 72, punti 99 *et seq*.

matur, jipprovdi jew in-nullità tal-kuntratt (pereżempju l-Belġju [87], il-Lussemburgu [88], l-Pajjiżi l-Baxxi [89] u Spanja [90]), jew li l-kuntratt ma jorbotx lill-konsumatur (pereżempju l-Finlandja [91]) jew li wieħed ma jistax jitlob li l-kuntratt jiġi eżegwit (pereżempju l-Irlanda [92] u r-Renju Unit [93]). It-tieni grupp jiġbor lill-Istati li fihom in-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumatur itawwal [94] it-terminu għat-tħassir tal-kuntratt (pereżempju l-Awstrija [95], ir-Repubblika Ċeka [96], l-Italja [97], il-Ġermanja [98] u l-Islovenja [99]). Irid jissemma wkoll li ċerti Stati jipprevedu wkoll, apparti s-sanzjonijiet prinċipali, bħalma huma n-nullità jew l-estensjoni tat-terminu għat-tħassir, sanzjoni pekunjarja (pereżempju l-Belġju [100] u l-Italja [101]). Jiena ninnota wkoll li *de lege ferenda* din il-kwistjoni ser tiġi armonizzata eventwalment bid-direttiva fuq id-drittijiet tal-konsumatur li bħalissa tinstab

87 — Ara l-Artikolu 88(3) tal-liġi tal-Belġju tal-14 ta' Lulju 1991 fuq il-prattiċi tal-kummerċ u fuq l-informazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur, li jiddisponi li n-nuqqas tal-għoti ta' informazzjoni lill-konsumatur iġib miegħu n-nullità tal-kuntratt. Jiena ninnota li l-liġi ma tipprečiżax jekk din hijiex nullità relattiva jew assoluta u l-qrati tal-Belġju ma ħadux pożizzjoni uniformi fuqha; ara pereżempju s-sentenza tal-Hof van Beroep te Antwerpen tal-31 ta' Ottubru 2005 (Rechtskundig Weekblad 2007-08, Nru 22, 26.1.2008), fejn din il-qorti affermat li din kienet nullità assoluta, u s-sentenza tal-Hof van Beroep te Gent tal-21 ta' Frar 2007 (Jaarboek Handelspraktijken & Mededinging 2007, p. 369), fejn din il-qorti affermat li kienet nullità relattiva.

88 — Fir-rigward tal-Lussemburgu, ara l-Artikolu 10(4) tal-Loi du 16 juillet 1987 concernant le colportage, la vente ambulante, l'étalage de marchandises et la sollicitation de commandes, li jipprovdi li l-kuntratt huwa null u li l-konsumatur jista' jinvoka din in-nullità jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

89 — Ara l-Artikolu 24(1) tal-liġi Olandiża Colportagewet, li jipprovdi li n-nuqqas ta' informazzjoni lill-konsumatur iġib miegħu n-nullità tal-kuntratt. Fid-dawl tad-distinzjoni ġenerali bejn "nullità" u "annullabbiltà" fid-dritt Olandiż, f'dan il-każ, din hija nullità li l-qrati jikkonstataw *ex officio*; ara Hartkamp A. S., *Verbintenissenrecht*, it-tieni parti, edizzjoni 12, Kluwer, Deventer 2005, p. 484, punt 459.

90 — Kif ġie indikat fil-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet, jirriżulta mill-Artikolu 4 tal-liġi Spanjola *Ley 26/1991, de 21 de noviembre, sobre contratos celebrados fuera de los establecimientos mercantiles* li, f'każ li l-kuntratt ġie konkluż jew saret offerta mingħajr ma l-konsumatur ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, huwa jista' jitlob biex tiġi kkonstatata n-nullità tal-kuntratt.

91 — Ara l-Kapitolu 6, Artikolu 20 tal-Kuluttajansuojalaki 38/1978 Finlandiża, li jistipula li l-kuntratt ma jorbotx lill-konsumatur, iżda l-konsumatur irid jinvoka n-nullità tiegħu.

92 — Ara l-Artikolu 4(1)(b) tar-regolament Irlandiż European Communities (Cancellation of Contracts negotiated away from business premises) Regulations, 1989, fejn jingħad li l-kuntratt ma jkunx jista' jiġi eżegwit ("*the contract shall not be enforceable*") jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

93 — Ara l-Artikolu 7(6) tar-regolament tar-Renju Unit The Cancellation of Contracts made in a Consumer's Home or Place of Work etc. Regulations 2008, fejn jingħad li l-kuntratt ma jkunx jista' jiġi eżegwit ("*the contract shall not be enforceable*") jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

94 — F'dan l-istadju jiena mhux ser nanalizza jekk id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-Istati Membri, li fi kwalunkwe każ jillimitaw fiż-żmien it-termini hekk imtawla, humiex konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Heininger (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17).

95 — Ara l-Artikolu 3(1) tal-Konsumentenschutzgesetz Awstrijaka li biha t-terminu biex jiġi xolt l-kuntratt jibda jiddekorri b'effett mill-mument li fih il-konsumatur jiġi informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

96 — Ara l-Artikolu 57(3) tal-liġi Ċeka Občiansky zákonník — Zákon č. 40/1964, fejn jingħad li l-konsumatur jista' jxolji l-kuntratt fi żmien sena minn meta jiġi konkluż il-kuntratt jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt.

97 — Ara l-Artikolu 65(3) tal-Codice del consumo Taljan fejn iż-żmien biex jiġi xolt il-kuntratt — jekk il-konsumatur ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt — huwa mtawwal sa 60 ġurnata, li għall-kuntratti ta' bejgħ ta' merkanzija jibdew jiddekorru mill-ġurnata li fiha l-konsumatur jirċievi l-merkanzija u għall-kuntratti ta' provvista ta' servizzi, mill-ġurnata li fiha jiġi konkluż il-kuntratt.

98 — Ara l-Artikolu 355(3) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (BGB) Ġermaniża, fejn id-dritt tal-konsumatur li jxolji l-kuntratt ma jiskadix jekk huwa ma jiġix informat korrettament b'dan id-dritt.

99 — Ara l-Artikolu 43d(4) ta' Zakon o varstvu potrošnikov Slovena, fejn it-terminu għat-tħassir tal-kuntratt huwa ta' tliet xhur jekk il-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt. L-Artikolu 43d jirregola t-tħassir tal-kuntratt għall-kuntratti konklużi mill-bogħod, iżda għall-kuntratti konklużi barra mil-lok tan-negozju japplika f'dan is-sens l-Artikolu 46c(4) ta' din il-liġi.

100 — Il-penali pekunjarja marbuta man-nuqqas ta' din l-informazzjoni hija rregolata bl-Artikolu 102(7) tal-liġi tal-Belġju tal-14 ta' Lulju 1991 fuq il-prattiċi tal-kummerċ u fuq l-informazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur.

101 — Il-penali pekunjarja hija prevista fl-Artikolu 62 tal-Codice del consumo Taljan.

fl-istadju ta' proposta [102] u li tipprovdi li — f'każ li l-konsumatur ma jiġix informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt — it-terminu għat-tħassir jiskadi tliet xhur wara li n-negozjant ikun issodisfa għalkollox l-obbligi kuntrattwali l-oħra tiegħu [103].

83. Għad irid jiġi analizzat jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/577 humiex ta' ordni pubbliku. Fil-kawża Mostaza Claro [104], il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet diġà impliċitament id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 [105] bħala li huma ta' ordni pubbliku billi ssemmi f'dan il-każ, b'mod partikolari, il-fatt li l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva huwa dispożizzjoni imperattiva. F'dak li jikkonċerna d-Direttiva 85/577, wieħed jista' jgħid ukoll li l-Artikolu 4, li jimponi fuq in-negozjant l-obbligu li jinforma lill-konsumatur bil-miktub bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, huwa dispożizzjoni imperattiva li, minħabba l-pożizzjoni ta' inferjorità ta' wieħed mill-partijiet kontraenti, hija intiża li tbiddel il-bilanċ formali bejn drittijiet u obbligi tal-kontraenti b'bilanċ effettiv bejn il-partijiet kontraenti. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat b'riferiment għad-Direttiva 93/13 fil-kawża Mostaza Claro, wieħed jista' jikkonstata fir-rigward tad-Direttiva 85/577 li din id-direttiva li hija intiża sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi, tikkostitwixxi, skont l-Artikolu 3(1)(t) KE, miżura indispensabbli għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lill-Komunità u, b'mod partikolari, sabiex jogħlew il-livell tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja fil-Komunità kollha [106].

84. Anki kieku l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma ssegwix l-argument espost fil-punt preċedenti li jirrigwarda l-ordni pubbliku, jiena nixtieq madankollu nuri li fil-kawżi Océano Grupo u Cofidis, il-Qorti tal-Ġustizzja ma invokatx l-ordni pubbliku biex tiġġustifika l-azzjoni *ex officio* tal-qrati nazzjonali, imma biss il-protezzjoni effettiva tal-konsumatur li ma tkunx tista' tintlaħaq ħlief jekk il-qrati nazzjonali jaġixxu *ex officio* u dan minħabba r-riskju li l-konsumatur ma jkunx jaf bid-drittijiet tiegħu [107]. Ma hemmx dubju li f'din il-kawża wkoll trid tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-konsumatur, u din hija

102 — Proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur, COM(2008) 614 finali. Id-direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumatur hija intiża li tissostitwixxi d-Direttiva 85/577, id-Direttiva 93/13, id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319) u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223). Ara l-Artikolu 47 tal-proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur, COM(2008) 614 finali, u l-memorandum spjegattiv fuq din il-proposta, p. 3.

103 — Ara l-Artikolu 13 tal-proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur, COM(2008) 614 finali.

104 — Ara s-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punti 35 sa 38).

105 — F'dan is-sens ara wkoll R. Jordans, Anmerkung zu EuGH Rs. C-168/05 — Elisa Maria Mostaza Claro gegen Centro Móvil Milenium SL, f'*Zeitschrift für Gemeinschaftsprivatrecht*, Nru 1/2007, p. 50; P. Courbe, C. Brière, A. Dionisi-Peyrusse, F. Jault-Seseke, C. Legros, Clause compromissoire et réglementation des clauses abusives: CJCE, 26 Ottubru 2006, f'*Petites affiches*, Nru 152/2007, p. 14; G. Poissonnier, J.-P. Tricoit, La CJCE confirme sa volonté de voir le juge national mettre en oeuvre le droit communautaire de la consommation, f'*Petites affiches*, Nru 189/2007, p. 15.

106 — Ara s-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 37).

107 — Ara s-sentenza Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 26) u s-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 33). Dan il-punt ġie enfasizzat ukoll mill-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fid-29 ta' Marzu 2007 fil-kawża Rampion (C-429/05, Ġabra p. I-8017, punt 61).

raġuni għalfejn dan ir-rekwiżit jista', fil-fehma tiegħi, ikun biżżejjed biex jiġġustifika l-azzjoni *ex officio* tal-qrati nazzjonali, anki jekk ma jintużax l-argument tal-ordni pubbliku.

85. Is-soluzzjoni li biha l-qorti nazzjonali, f'każ li hija tikkonstata *ex officio* li l-konsumatur ma ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, tinforma lill-istess konsumatur bid-drittijiet li jagħtih, f'dan il-każ, id-dritt nazzjonali, fil-fehma tiegħi lanqas ma tmur kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Hamilton [108]. F'dik il-kawża, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi jekk miżura, li biha d-dritt tal-konsumatur biex ixolji l-kuntratt jiskadi xahar wara l-eżekuzzjoni kompluta mill-partijiet tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' kreditu għall-perijodu twil, tistax titqies li hija miżura xierqa ta' protezzjoni għall-konsumatur, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li t-terminu 'xierqa' fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 jindika li dawn il-miżuri ma humiex intiżi biex jipprovdu protezzjoni assoluta lill-konsumaturi [109] u li kemm l-istruttura ġenerali kif ukoll il-kliem ta' ħafna mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jindikaw li din l-imsemmija protezzjoni tal-konsumatur hija suġġetta għal ċerti limiti [110].

86. Fil-kawża prinċipali, jirriżulta madankollu mid-deskrizzjoni tal-fatti fid-digriet tar-rinviju li l-obbligi li joħorġu mill-kuntratt ma ġewx onorati kompletament. Il-merkanzija mixtrija ġiet ikkonsenjata lill-konsumatur u l-prezz totali tela' għal EUR 1 909 li l-konsumatur ħallas biss EUR 47.48 minnhom, jiġifieri parti żgħira biss. In-negozjant beda proċeduri kontra l-konsumatur minħabba l-fatt li l-istess konsumatur ma kienx onora l-obbligu tiegħu skont il-kuntratt. Għaldaqstant, il-limiti fuq il-protezzjoni tal-konsumatur li l-Qorti tal-Ġustizzja introduċiet fil-kawża Hamilton, ma humiex rilevanti f'din il-kawża peress li l-obbligi taż-żewġ partijiet li joħorġu mill-kuntratt għadhom ma ġewx onorati kompletament.

Madankollu għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn il-limiti jikkonċernaw il-fatti partikolari tal-kawża fejn l-obbligi taż-żewġ kontraenti jkunu sodisfatti kompletament [111].

108 — Sentenza Hamilton (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23).

109 — *Ibidem* (punt 39). Dan il-punt huwa enfasizzat ukoll fid-dottrina; ara pereżempju Mankowski P., Die gemeinschaftsrechtliche Kontrolle von Erlöschenstatbeständen für verbraucherschützende Widerrufsrechte, f'*Juristenzeitung*, Nru 23/2008, p. 1143.

110 — *Ibidem* (punt 40).

111 — Dan il-punt huwa enfasizzat fid-dottrina pereżempju minn K. Kroll, Vertragserfüllung als zeitliche Grenze des verbraucherschützenden Widerrufsrechts, Neue Juristische Wochenschrift, Nru 28/2008, p. 2000. F'dan is-sens ara wkoll H. Edelmann, EuGH: Kein grenzenloser Verbraucherschutz, f'Betriebs-Berater, Nru 19/2008, p. 970; A. Raynouard, CJCE, 10 ta' April 2008, C-412/06, Annelore Hamilton c/Volksbank Filder eG, f'*Revue de jurisprudence commerciale*, Nru 4/2008, p. 305. Jiena nżid ngħid li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fil-kawża Hamilton li r-referenza fil-ħames premessa tad-Direttiva 85/577, għall-kunċett ta' "obbligazzjonijiet [obbligi] li joħorġu mill-kuntratt" tindika li l-konsumatur jista' jirrevoka kuntratt bħal dan fi kwalunwe mument *matul iż-żmien ta' validità tiegħu* (sentenza Hamilton, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 41, enfasi tiegħi) — dejjem jekk huwa ma jkunx ġie informat bid-dritt tiegħu ta' xoljiment. Dan ma jurix, fi kwalunkwe każ, l-eżistenza ta' restrizzjoni fuq il-protezzjoni tal-konsumatur sakemm l-obbligi tal-kuntratt ikunu għadhom mhumiex sodisfatti.

6. Dritt jew obbligu tal-qorti nazzjonali li taġixxi *ex officio*?

87. Għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tistaqsix jekk skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 hija għandhiex l-obbligu li taġixxi *ex officio* jekk il-konsumatur ma ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt, iżda jekk, mill-banda l-oħra, l-Artikolu 4 tad-Direttiva jawtorizzahiex tagħmel dan, għandu jiġi ċċarat jekk din il-kawża tirrigwardax dritt jew obbligu li hija taġixxi *ex officio*. Dan il-punt huwa partikolarment importanti peress li f'din il-kawża, il-Kummissjoni tiddefendi l-fehma li l-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jaġixxu *ex officio* f'dan il-każ [112], mentri l-Gvern Awstrijak isostni li l-qrati nazzjonali m'għandhomx dan l-obbligu [113].

88. Għandu jiġi nnutat qabel xejn li d-domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tinftiehem fil-kuntest tad-dritt Spanjol. Fil-fatt, id-dritt Spanjol, f'dan il-każ, ma jippermettix lill-qorti tar-rinviju sabiex taġixxi *ex officio*, u din hija r-raġuni għaliex hija tistaqsi jekk id-dritt Komunitarju jippermettix dan [114]. Għaldaqstant, jirriżulta mid-domanda preliminari kif ippreżentata, li l-qorti tar-rinviju qed tipprova ssib bażi ġuridika fid-dritt Komunitarju biex taġixxi *ex officio*.

89. Barra minn hekk, bħala paragun, għandu jiġi enfasizzat li fil-kawża Océano Grupo [115], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'referenza għad-Direttiva 93/13, li l-qorti nazzjonali *tista'* tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali. Bl-istess mod, fil-kawża Cofidis, il-Qorti tal-Ġustizzja tkellmet fuq il-*fakultà* [116] tal-qorti nazzjonali biex

112 — Ara l-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

113 — Il-Gvern Awstrijak jafferma b'mod iktar preċiż li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577 ma jeżiġix li fl-Istati Membri l-qrati għandhom jaġixxu *ex officio*. Ara l-punt 27 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

114 — Minn dan l-aspett wieħed jista' jifhem id-domanda tal-qorti tar-rinviju u r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13). F'dan is-sens ara M. Van Huffel, La condition procédurale des règles de protection des consommateurs: les enseignements des arrêts Océano, Heininger et Cofidis de la Cour de justice, f'*Revue européenne de droit de la consommation*, Nru 2/2003, p. 94.

115 — Dan jirriżulta mill-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi tal-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza Océano Grupo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13). Ara pereżempju l-verżjoni Franċiża ("le juge national *puisse* apprécier d'office"), dik Ingliża ("the national court *being able* to determine of its own motion"), dik Ġermaniża ("das nationale Gericht von Amts wegen prüfen *kann*"), dik Taljana ("il giudice nazionale […] *possa* valutare d'ufficio"), dik Spanjola ("el Juez nacional *pueda* apreciar de oficio"), dik Portugiża ("o juiz nacional *possa* apreciar oficiosamente") u dik Olandiża ("at de nationale rechter […] ambtshalve *kan* toetsen").

116 — Ara s-sentenza Cofidis (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punti 32, 33 u 35). Ċerti verżjonijiet lingwistiċi jużaw f'dawn il-punti żewġ espressjonijiet differenti, pereżempju dik Franċiża ("faculté" u "pouvoir"), dik Taljana ("facoltà" u "potere") u dik Portugiża ("faculdade" u "poder"). Hemm verżjonijiet oħra li jużaw l-istess espressjoni, pereżempju dik Ingliża ("power"), dik Ġermaniża ("Befugnis"), dik Spanjola ("facultad") u dik Olandiża ("bevoegdheid").

tagħmel din l-evalwazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet xi ħaġa iktar fil-kawża Mostaza Claro u ddeċidiet li l-qorti nazzjonali għandha tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali [117].

90. Fil-fehma tiegħi, f'din il-kawża, jeżisti l-obbligu tal-qorti nazzjonali li taġixxi *ex officio* inkwantu dan huwa l-uniku mod biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-konsumatur li tipprova tilħaq id-Direttiva 85/577 [118]. Kieku din l-evalwazzjoni kienet riżervata għad-diskrezzjoni tal-qrati nazzjonali, ma jkunx ċar fuq liema kriterji l-qorti taġixxi *ex officio* f'ċerti każijiet u mhux f'każijiet oħra. L-obbligu tal-qrati nazzjonali li jaġixxu *ex officio* huwa importanti wkoll peress li tali intervent *ex officio* li jsir b'mod sistematiku jkollu effett dissważiv peress li jiskoraġġixxi lin-negozjant milli jonqos milli jinforma lill-konsumaturi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jħassru l-kuntratt [119].

117 — F'dan ir-rigward jiena ninnota li fid-dispożittiv tas-sentenza Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15), huma biss ftit verżjonijiet lingwistiċi li jużaw espressament l-imperattiv — pereżempju l-verżjoni Ingliża ("*must* determine whether the arbitration agreement is void") jew il-verżjoni Slovena ("*mora* […] presojati ničnost arbitražnega dogovora") — hemm verżjonijiet oħra li jużaw l-indikattiv fid-dispożittiv, pereżempju l-verżjoni Franċiża ("apprécie la nullité de la convention d'arbitrage") jew il-verżjoni Ġermaniża ("die Nichtigkeit der Schiedsvereinbarung prüft"). L-obbligu li ssir evalwazzjoni *ex officio* joħroġ, madankollu, mill-punt 38 tas-sentenza; ara ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-punt fis-sentenza, pereżempju l-verżjoni Franċiża ("*soit tenu* d'apprécier d'office"), dik Ingliża ("*being required* to assess of its own motion"), dik Ġermaniża ("von Amts wegen […] prüfen *muss*"), dik Taljana ("*sia tenuto* a valutare d'ufficio"), dik Spanjola ("*deba* apreciar de oficio"), dik Portugiża ("*deva* apreciar oficiosamente"), dik Slovena ("*dolžnost* […], da po uradni dolžnosti presoja") u dik Olandiża ("ambtshalve *dient* te beoordelen").

118 — Dan il-punt ġie enfasizzat b'mod komparattiv mad-Direttiva 93/13 minn M. Van Huffel, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 114), p. 97.

119 — *Ibidem* (punt 77).

91. Għaldaqstant, il-qrati nazzjonali, fil-fehma tiegħi, għandhom l-obbligu u mhux biss id-dritt, li jikkonstataw *ex officio* jekk il-konsumatur ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt u li jinformawh, jekk dan ma jkunx sar, bid-drittijiet li jagħtih id-dritt nazzjonali f'dan il-każ.

## *C — Konklużjoni*

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nsostni li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda preliminari hija li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 153 KE, tal-Artikolu 3(1)(t) KE u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/577, meħudin flimkien, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux lill-qorti nazzjonali, fiċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, tikkonstata *ex officio* n-nullità tal-kuntratt jekk il-konsumatur ma jkunx invoka n-nullità matul il-proċedimenti quddiem dik il-qorti; madankollu, il-qorti nazzjonali għandha tikkonstata *ex officio* jekk il-konsumatur ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt u tinformah, f'każ li dan ma jkunx sar, bid-drittijiet li jagħtih id-dritt nazzjonali f'dan il-każ.

## VII — Konklużjoni

93. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Salamanca:

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 153 KE, tal-Artikolu 3(1)(t) KE u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/577 KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju, meħudin flimkien, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux lill-qorti nazzjonali, fiċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, tikkonstata *ex officio* n-nullità tal-kuntratt jekk il-konsumatur ma jkunx invoka n-nullità matul il-proċedimenti quddiem dik il-qorti; madankollu, il-qorti nazzjonali għandha tikkonstata *ex officio* jekk il-konsumatur ġiex informat bid-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt u tinformah, f'każ li dan ma jkunx sar, bid-drittijiet li jagħtih id-dritt nazzjonali f'dan il-każ.